# IL-KUMMISSJONI VON DER LEYEN 101

European Commission

Mill-bidu ta' dan il-mandat, il-Kummissjoni von der Leyen qed taħdem biex twettaq il-wegħda tagħha li tagħmel l-Unjoni Ewropea aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar ġusta u biex tindirizza l-avvenimenti storiċi li kellhom impatt fuq il-ħajja ta' ħafna Ewropej – il-pandemija tal-coronavirus u l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

B'din il-logħba tista' tħares lura lejn dak li kienet qed tagħmel il-Kummissjoni matul dawn l-aħħar tliet snin u tittestja l-għarfien tiegħek dwar l-inizjattivi ewlenin li ressqet il-Kummissjoni biex twettaq il-wegħdiet tagħha mill-bidu tal-mandat u biex tindirizza l-isfidi bla preċedent li qed tiffaċċja.

## Kif tilgħab?

Kull avveniment huwa kkomplementat bi tliet mistoqsijiet marbuta mas-suġġett. Meta l-ġugatur jieqaf fil-kaxxa, il-koġugatur/koġugaturi jaqra/jaqraw waħda mill-mistoqsijiet rilevanti minn dan il-ktejjeb. Jekk il-ġugatur iwieġeb b'mod korrett, jista' jixħet id-dada għall-darba oħra u jipprova jerġa' jwieġeb għal mistoqsija oħra. Jekk il-ġugatur iwieġeb b'mod skorrett, ikollu jċedi d-dada lill-ġugatur ta' wara. Kull ġugatur jista' jixħet id-dada sa massimu ta' tliet darbiet wara xulxin. Jekk il-ġugatur iġib it-tielet tweġiba konsekuttiva fl-istess dawra korretta, ikollu jċedi d-dada lill-ġugatur ta' wara, iżda jikseb jolly li jippermettilu jagħmel tefgħa addizzjonali fiċ-ċikli li jmiss f'każ li jwieġeb b'mod skorrett. Ir-rebbieħ huwa l-ewwel wieħed li jasal sal-linja finali.

Jekk jogħġbok innota: l-informazzjoni f'dan il-ktejjeb tirrappreżenta l-*istatus* fis-16 ta' Awwissu 2022

01.12.2019

# Il-Kummissjoni von der Leyen tieħu l-mandat tagħha

## M.1

Kemm-il mara mexxiet il-Kummissjoni Ewropea bħala President?

- **Waħda biss!** F'Diċembru 2019, Ursula von der Leyen ħadet post Jean-Claude Juncker bħala l-President tal-Kummissjoni Ewropea, u saret l-ewwel mara li serviet f'dan ir-rwol.

## M.2

Il-Parlament Ewropew meta eleġġa lil Ursula von der Leyen bħala President tal-Kummissjoni?

A. F'Mejju 2019
**B. F'Lulju 2019**
C. F'Settembru 2019

## M.3

Tista' ssemmi waħda mis-sitt prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni von der Leyen?

- **Patt Ekoloġiku Ewropew;**
- **Ewropa lesta għall-era diġitali;**
- **Ekonomija għas-servizz tan-nies;**
- **Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja;**
- **Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna;**
- **Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea.**

01

11.12.2019

# Tnedija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

## M.1

X'inhu l-għan ewlieni li l-Kummissjoni Ewropea trid tikseb bil-Patt Ekoloġiku Ewropew?

**A. Li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050**

B. Li l-Ewropa ssir l-aktar kontinent ekoloġiku sal-2050

C. Li l-Ewropa ssir l-ewwel produttur tal-prodotti ekoloġiċi sal-2050.

## M.2

X'perċentwal ta' investimenti min-NextGenerationEU u mill-baġit ta' seba' snin tal-UE se jiffinanzjaw il-Patt Ekoloġiku?

**A. Terz**

B. Żewġ terzi

C. Tliet terzi

## M.3

Il-Kummissjoni Ewropea b'kemm trid tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 (meta mqabbla mal-livelli tal-1990)?

A. B'mill-inqas 15 %

B. B'mill-inqas 35 %

**C. B'mill-inqas 55 %**

14.01.2020

# Preżentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

## M.1

X'se jagħmel il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew?

- **Jipprovdi finanzjament tal-UE għall-investimenti pubbliċi u privati meħtieġa biex l-Ewropa ssir l-ewwel blokk newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050.**

## M.2

Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta huwa għodda ewlenija biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija newtrali għall-klima sseħħ b'mod ġust u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Kemm se jimmobilizza l-finanzjament tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta?

A. Mill-inqas €20 biljun
B. Mill-inqas € 60 biljun
**C. Mill-inqas € 100 biljun**

## M.3

Liema reġjuni se jibbenefikaw l-aktar mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta?

- **L-appoġġ se jkun disponibbli għall-Istati Membri kollha, iffukat fuq reġjuni li huma l-aktar intensivi fil-karbonju jew li għandhom l-aktar nies li jaħdmu fil-fjuwils fossili.**

03

31.01.2020

# Ir-Renju Unit joħroġ mill-UE

## M.1

Meta ġie miftiehem il-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit u meta daħal fis-seħħ?

- **Il-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit ġie miftiehem fl-1 ta' Ottubru 2019, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.**

## M.2

Min-naħa tal-UE, min kien qed imexxi n-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE?

- **Michel Barnier**

## M.3

X'inhu l-isem tas-soluzzjoni li nstabet għall-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq matul in-negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit?

A. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ
B. Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni
**C. Il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq**

05.02.2020

# Preżentazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida għan-negozjati tal-adeżjoni mal-UE

## M.1

X'inhuma l-erba' prinċipji ewlenin tal-metodoloġija l-ġdida tat-tkabbir?

- **Kredibbiltà, prevedibbiltà, dinamiżmu u direzzjoni politika aktar b'saħħitha.**

## M.2

Liema belt Ewropea tat l-isem għall-kriterju tal-adeżjoni li pajjiż jeħtieġ li jissodisfa sabiex jikseb l-*istatus* tal-adeżjoni?

**A. Copenhagen**
B. Brussell
C. Ljubljana

## M.3

Għal liema sħab tal-UE nirreferu meta nitkellmu dwar il-Balkani tal-Punent?

- **L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.**

19.02.2020

# Pubblikazzjoni tal-aġenda biex jissawwar il-futur diġitali tal-Ewropa

## M.1

Tista' ssemmi wieħed mit-tliet pilastri ewlenin tat-trasformazzjoni diġitali Ewropea?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) Teknoloġija li taħdem għan-nies; 2) Ekonomija diġitali ġusta u kompetittiva; 3) Soċjetà miftuħa, demokratika u sostenibbli.**

## M.2

L-UE għandha l-għan li ssir mexxejja globali fit-trasformazzjoni diġitali. Tista' taħseb f'mod wieħed kif dan se jinkiseb?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) billi ssir mudell globali għall-ekonomija diġitali; 2) billi tappoġġa lill-ekonomiji li qed jiżviluppaw biex isiru diġitali; 3) billi tiżviluppa standards diġitali u tippromwovihom mad-dinja.**

## M.3

Tista' taħseb f'mod wieħed kif l-istrateġija diġitali se tgħin lill-UE ssir newtrali għall-klima permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) tniedi strateġija industrijali ġdida tal-UE; 2) issaħħaħ il-kapaċità tal-UE biex tipprevedi u timmaniġġa d-diżastri ambjentali; 3) tappoġġa l-ekonomija ċirkolari; 4) tniedi inizjattiva ta' elettronika ċirkolari; 5) tagħmel iċ-ċentri tad-*data* u l-infrastrutturi tal-ICT newtrali għall-klima sal-2030; 6) tibbenefika mill-Intelliġenza Artifiċjali, il-5G, il-*cloud* u l-*edge computing*, u l-Internet tal-Oġġetti; 7) tappoġġa t-trasport awtomatizzat u konness; 8) tagħmel l-akkwist pubbliku aktar sostenibbli; 9) tistabbilixxi standard komuni taċ-ċarġer għall-apparati elettroniċi.**

04.03.2020

# Adozzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima

## M.1

Kemm damet biex tidħol fis-seħħ il-proposta tal-liġi Ewropea dwar il-klima?

**A. Sena u tliet xhur (Marzu 2020 – Lulju 2021)**
B. Sentejn u xahrejn (Jannar 2020 – Marzu 2022)
C. Sentejn u sitt xhur (Diċembru 2019 – Mejju 2022)

## M.2

Semmi wieħed mill-ħames objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) tistabbilixxi d-direzzjoni fit-tul tal-ivvjaġġar biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 permezz tal-politiki kollha, b'mod soċjalment ġust u kosteffiċjenti; 2) tistabbilixxi mira aktar ambizzjuża tal-UE għall-2030, biex tqiegħed lill-Ewropa fi perkors responsabbli biex issir newtrali għall-klima sal-2050; 3) toħloq sistema għall-monitoraġġ tal-progress u tieħu azzjoni ulterjuri jekk ikun meħtieġ; 4) tipprovdi prevedibbiltà għal investituri u atturi ekonomiċi oħra; 5) tiżgura li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli.**

## M.3

X'inhi l-mira tal-UE għall-2030 rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (meta mqabbla mal-livelli fl-1990)?

A. Mill-inqas 30 %
**B. Mill-inqas 55 %**
C. Mill-inqas 72 %

05.03.2020

# Adozzjoni tal-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025

## M.1

Meta ġie stabbilit għall-ewwel darba l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' paga ugwali?

**A. Fit-Trattat ta' Ruma (1957)**
B. Fit-Trattat ta' Maastricht (1992)
C. Fit-Trattat ta' Lisbona (2007)

## M.2

Tista' ssemmi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) it-tmiem tal-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru; 2) l-isfidar tal-istereotipi tal-ġeneri; 3) l-għeluq tad-distakk bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol; 4) il-kisba ta' parteċipazzjoni ugwali fis-setturi differenti tal-ekonomija; 5) l-indirizzar tad-distakk bejn il-ġeneri fil-pagi u l-pensjonijiet; 6) l-għeluq tad-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura; u 7) il-kisba tal-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-politika.**

## M.3

X'inhu s-sehem tan-nisa fost il-membri tal-parlamenti nazzjonali fl-UE?

A. 10 %
**B. 33 %**
C. 49 %

09.03.2020

# Adozzjoni ta’ strateġija komprensiva tal-UE mal-Afrika

## M.1

L-istrateġija proposta tal-UE mal-Afrika ppreżentat ħames sħubijiet ewlenin bejn iż-żewġ kontinenti. Tista’ taħseb f’waħda minnhom?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi; 2) it-tranżizzjoni ekoloġika u l-aċċess għall-enerġija; 3) it-trasformazzjoni diġitali; 4) il-paċi, is-sigurtà u l-governanza; 5) il-migrazzjoni u l-mobilità.**

## M.2

Il-Pakkett tal-Investiment tal-Global Gateway Afrika-Ewropa għandu l-għan li jimmobilizza kemm fl-investimenti?

A. €100 biljun
**B. € 150 biljun**
C. € 200 biljun

## M.3

Meta ġiet stabbilita għall-ewwel darba s-Sħubija Afrika-UE?

**A. Fl-2000**
B. Fl-2005
C. Fl-2010

*Is-sħubija Afrika-UE ġiet stabbilita formalment fl-2000 fl-ewwel Summit bejn l-Organizzazzjoni tal-Unità Afrikana (il-predeċessur tal-Unjoni Afrikana) u l-UE fil-Kajr.

10.03.2020

# Adozzjoni ta' Strateġija Industrijali ġdida

## M.1

Kemm tirrappreżenta l-industrija fl-esportazzjonijiet tal-UE ta' oġġetti?

A. 20 %
B. 40 %
**C. 80 %**

## M.2

X'perċentwal ta' kumpaniji Ewropej jista' jitqies bħala intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)?

A. 10 %
B. 50 %
**C. 99 %**

## M.3

X'sehem mill-valur miżjud totali tal-UE jiġi ġġenerat mill-industrija Ewropea?

**A. 20 %**
B. 40 %
C. 80 %

Marzu 2020

# Azzjoni kontra l-coronavirus

## M.1

L-ewwel każ Ewropew tal-COVID-19 ġie rrappurtat fl-24 ta' Jannar 2020. F'liema pajjiż tal-UE?

A. Spanja
B. L-Italja
**C. Franza**

## M.2

L-UE meta nediet l-ewwel ftehim ta' akkwist konġunt għall-akkwist ta' kontromiżuri mediċi għall-COVID-19?

**A. Fi Frar 2020**
B. F'Marzu 2020
C. F'April 2020

## M.3

Meta beda t-tilqim kontra l-COVID-19 madwar l-UE?

**A. F'Diċembru 2020**
B. F'Jannar 2021
C. Fi Frar 2021

04.05.2020

# Avveniment b’appell għal wegħdiet ta’ donazzjonijiet tar-Rispons Globali għall-Coronavirus

## M.1

Fi front magħqud kontra l-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni Ewropea ngħaqdet mas-sħab globali biex tiżgura li l-vaċċini, id-dijanjostika u t-trattamenti ġodda kollha jsiru disponibbli globalment għal prezz affordabbli. L-isforz globali ta’ wegħdiet ta’ donazzjonijiet – ir-Rispons għall-Coronavirus – beda fl-4 ta’ Mejju 2020. Kemm inġabar finanzjament dakinhar?

A. € 4.4 biljun
**B. € 7.4 biljun**
C. € 10.4 biljun

## M.2

Liema kienu l-oqsma ewlenin li bbenefikaw mill-fondi miġbura matul ir-Rispons Globali għall-Coronavirus?

**A. It-testijiet, it-trattamenti u l-prevenzjoni**
B. L-aġir, il-kura u t-tagħlim
C. Ir-riċerka, l-investiment u l-użu

## M.3

Mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rispons minn Tim Ewropa - l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej - kiber għal €53,7 biljun. Kemm-il pajjiż ibbenefika minn dan l-appoġġ?

A. 90
B. 110
C. **140**

07.05.2020

# Adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

## M.1

Il-ħasil tal-flus huwa reat diffiċli biex jiġi identifikat. Il-konsegwenzi tiegħu jista' jkollhom impatt sever fuq l-ekonomija tal-UE u fuq is-sistema finanzjarja tagħha. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE jkollha approċċ multidimensjonali biex tindirizza l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Hija meħtieġa azzjoni fuq diversi livelli. Tista' taħseb f'waħda minnhom?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) implimentazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti tal-UE; 2) sett ta' regoli aktar armonizzati; 3) superviżjoni fil-livell tal-UE; 4) mekkaniżmu ta' appoġġ u kooperazzjoni għall-unitajiet tal-intelligence finanzjarja; 5) infurzar ta' dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali fil-livell tal-UE u skambju ta' informazzjoni; 6) Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.**

## M.2

L-UE identifikat lista ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġim tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Tista' taħseb f'objettiv wieħed ta' din il-lista?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) li tipproteġi l-integrità tas-sistema finanzjarja u tas-suq intern tal-Unjoni; 2) li ssaħħaħ is-sigurtà interna; 3) li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli.**

## M.3

Kemm-il pajjiż terz hemm elenkat bħala pajjiż li jirrappreżenta theddida sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea? (mit-13 ta' Marzu 2022)

A. 20
**B. 25**
C. 30

20.05.2020

# Adozzjoni tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"

## M.1

L-istrateġija għall-bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tkabbar iż-żoni eżistenti ta' Natura 2000. Kemm miż-żoni tal-art tal-UE u kemm mit-territorju tal-baħar tal-UE huma parti min-Network Natura 2000?

A. 10 % taż-żoni tal-art u aktar minn 8 % tat-territorju tal-baħar

**B. 18 % taż-żoni tal-art u aktar minn 8 % tat-territorju tal-baħar**

C. 40 % taż-żoni tal-art u aktar minn 8 % tat-territorju tal-baħar

## M.2

Bl-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Kummissjoni trid tagħti spinta lill-iżvilupp taż-żona tal-biedja organika tal-UE. X'perċentwal tal-art agrikola totali se jkun iddedikat għall-biedja organika sal-2030?

A. 15 %

B. 20 %

**C. 25 %**

## M.3

Sal-2030, b'kemm perċentwal għandu jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti?

A. B'mill-inqas 5 %

B. B'mill-inqas 10 %

C. **B'mill-inqas 20 %**

27.05.2020

# Preżentazzjoni ta' NextGenerationEU

## M.1

X'inhu l-ammont totali ta' NextGenerationEU (fi prezzijiet attwali)?

A. € 750 biljun
**B. € 806.9 biljun**
C. € 853 biljun

## M.2

Kemm huwa s-sehem tal-fondi ta' NextGenerationEU ddedikat għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima?

A. 27 %
**B. 37 %**
C. 47 %

## M.3

Kemm huwa s-sehem tal-fondi ta' NextGenerationEU ddedikat għat-tranżizzjoni diġitali?

A. 15 %
**B. 20 %**
C. 25 %

17.06.2020

# Preżentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-vaċċini

## M.1

Il-proċess normali għal vaċċin li għandu jiġi żviluppat u awtorizzat jieħu 10 snin. Minħabba l-urġenza tal-pandemija tal-COVID-19, dan il-proċess tnaqqas għal...?

A. 3-5 snin
B. sena-sentejn
**C. 12-18-il xahar**

## M.2

X'inhi COVAX?

A. Kumpanija farmaċewtika li tiżviluppa vaċċini kontra l-COVID-19.
**B. Faċilità li għandha l-għan li tikseb aċċess ġust u ekwu għall-vaċċini kontra l-COVID-19 madwar id-dinja.**
C. Grupp ta' esperti nazzjonali li jirrieżaminaw il-proċess tal-manifattura tal-vaċċini.

## M.3

X'inhu l-isem tal-aġenzija Ewropea li evalwat is-sikurezza tal-vaċċini kontra l-COVID-19?

**A. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)**
B. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)
C. L-Alleanza Globali għall-Vaċċini u l-Immunizzazzjoni (GAVI)

24.06.2020

# Tnedija tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi għall-2020-2025

## M.1

Aspett importanti għall-proċess tal-vittmi biex jissuperaw it-trawma, li huwa indirizzat fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi, huma s-servizzi tal-ġustizzja restorattiva. Dan xi jfisser?

- **Is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva jinkludu firxa ta' servizzi, pereż. medjazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur, konferenzi fi gruppi tal-familja u gruppi ta' konsulenti li jissuġġerixxu lill-imħallfin l-aħjar piena. Jipprovdu lill-vittmi b'ambjent sikur biex isemmgħu leħinhom.**

## M.2

Dan in-numru ma' xiex huwa relatat: 116 006?

A. L-għadd ta' reati ċibernetiċi mwettqa fl-UE fit-tieni nofs tal-2021.
B. Huwa l-għadd ta' parteċipanti f'taħriġ speċifiku dwar in-nondiskriminazzjoni għall-pulizija.
**C. Huwa n-numru tat-telefown tal-helpline apposta għall-vittmi tal-kriminalità madwar l-Ewropa.**

## M.3

Semmi wieħed mill-ħames oqsma ewlenin tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi.

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) Ir-rappurtar ta' reati u l-komunikazzjoni mal-vittmi; 2) L-appoġġ u l-protezzjoni għall-vittmi l-aktar vulnerabbli; 3) L-aċċess għall-kumpens; 4) Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, il-kura tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali u oħrajn; 5) id-drittijiet tal-vittmi globalment.**

01.07.2020

# Preżentazzjoni tal-pakkett ta' appoġġ għall-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa

## M.1

X'inhu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali?

- **L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa element ewlieni fit-tagħlim tul il-ħajja, li jattrezza lin-nies bl-għarfien, bil-ħiliet u bil-kompetenzi meħtieġa għal professjonijiet partikolari fis-suq tax-xogħol. Jirrappreżenta madwar nofs l-istudenti tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-UE u jippermetti li żewġ terzi tal-impjegati tal-UE jtejbu l-ħiliet tagħhom jew jieħdu taħriġ f'ħiliet ġodda. Jgħin liż-żgħażagħ biex ilestu ruħhom għall-ewwel impjieg tagħhom, u jippermetti lill-adulti jiksbu ħiliet ġodda u jiżviluppaw il-karrieri tagħhom.**

## M.2

Kemm-il żagħżugħ kellu aċċess għas-suq tax-xogħol bis-saħħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ?

**A. Aktar minn 24 miljun żagħżugħ**
B. Aktar minn 20 miljun żagħżugħ
C. Aktar minn 16-il miljun żagħżugħ

## M.3

Skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ta' Marzu 2021, x'sehem mill-adulti kollha għandhom jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030?

**A. Mill-inqas 60 %**
B. Mill-inqas 45 %
C. Mill-inqas 55 %

08.07.2020

# Preżentazzjoni tal-istrateġija għall-idroġenu u l-istrateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija

## M.1

L-idroġenu x'sehem għandu fil-konsum tal-enerġija attwali tal-Ewropa?

A. 10 %
B. 5 %
**C. Inqas minn 2 %**

## M.2

Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif huwa li tiffaċilita l-investimenti fl-idroġenu nadif. Għal dan l-għan, l-alleanza ħejjiet sensiela ta' proġetti ta' investiment vijabbli. Din tinkludi kemm-il proġett?

A. 60
**B. 750**
C. 900

## M.3

Kemm se jiġi prodott idroġenu rinnovabbli fl-UE sal-2030?

A. 5 miljun tunnellata
**B. 10 miljun tunnellata**
C. 2 miljun tunnellata

21.07.2020

# Il-mexxejja tal-UE jaqblu dwar il-pjan ta' rkupru u l-QFP għall-2021-2027

## M.1

X'inhu l-ammont totali tal-baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027 (fi prezzijiet attwali)?

**A. €1 211 triljun**
B. €0,5 triljun
C. € 3 triljun

## M.2

X'**ma** jfissirx in-NextGenerationEU?

**A. Programm tal-UE għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' prodotti diġitali**
B. Strument ta' rkupru temporanju biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-coronavirus
C. Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tipprovdi self u għotjiet lill-Istati Membri

## M.3

Fil-kuntest tal-baġit fit-tul tal-UE u l-Pjan ta' Rkupru, xi jfisser "mekkaniżmu ta' kundizzjonalità"?

A. Il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom pajjiżi mhux tal-UE jistgħu japplikaw għas-self.
**B. Il-kundizzjonijiet biex jiġi protett il-baġit tal-UE meta jkun hemm ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru.**
C. Il-kundizzjonijiet għall-SMEs biex jinvestu bil-flus fil-produzzjoni tagħhom ta' prodotti sostenibbli.

27.08.2020

# Firma tal-ewwel kuntratt ma' kumpanija farmaċewtika li tiżviluppa vaċċini kontra l-COVID-19

## M.1

Kemm-il doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 żgurat il-Kummissjoni Ewropea sa nofs l-2022?

**A. sa 4,2 biljun doża**
B. sa 3 biljun doża
C. sa 1,5 biljun doża

## M.2

Ma' kemm-il kumpanija l-Kummissjoni Ewropea ffirmat kuntratti biex tiżgura l-vaċċini kontra l-COVID-19?

A. Ma' 5 kumpaniji
**B. Ma' 8 kumpaniji**
C. Ma' 11-il kumpanija

## M.3

Kemm-il vaċċin ġie approvat fl-UE sa issa? Tista' tgħid mil-liema kumpaniji?

- **Sitt vaċċini ġew approvati fl-UE. Dawn jiġu prodotti minn: BioNTech uPfizer, Moderna, AstraZeneca, Janssen Pharmaceutica NV, Novavax u Valneva.**

18.09.2020

# Preżentazzjoni tal-ewwel pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu

## M.1

Meta nħatar l-ewwel koordinatur tal-UE kontra r-razziżmu?

A. Fl-2020
**B. Fl-2021**
C. Fl-2022

## M.2

Tista' taħseb f'objettiv wieħed li l-UE għandha l-għan li tikseb bil-pjan ta' azzjoni tagħha kontra r-razziżmu?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) ittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE li tiżgura l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni; 2) tħarreġ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (pereż. il-pulizija nazzjonali) biex jipprevjenu t-tfassil ta' profili razzjali jew etniċi għall-iżgurar ta' pulizija u protezzjoni ġusti; 3) issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu; 4) tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda online; 5) ittejjeb id-diversità tal-persunal tal-UE, tipprevjeni kwalunkwe diskriminazzjoni potenzjali fil-proċess ta' reklutaġġ; 6) issaħħaħ is-sħubija mal-atturi tas-soċjetà ċivili.**

## M.3

X'inhu l-motto tal-UE li jirrappreżenta l-influwenza pożittiva ta' kulturi, tradizzjoni, lingwi differenti u li jirrifletti l-ideat tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu?

- **"Magħquda fid-diversità"**

23.09.2020

# Preżentazzjoni tal-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil

## M.1

Kemm-il persuna emigrat lejn l-UE fl-2020?

A. 3,1 miljun persuna
**B. 1,92 miljun persuna**
C. 530 000 persuna

## M.2

Fl-2021, minn kemm-il pajjiż ġew l-applikanti għall-ażil fl-UE?

**A. Minn madwar 140 pajjiż**
B. Minn madwar 80 pajjiż
C. Minn madwar 60 pajjiż

## M.3

F'liema tliet pajjiżi tal-UE kien l-ogħla għadd ta' applikanti għall-ażil għall-ewwel darba ppreżentati *per capita*, fl-2021?

A. Spanja, l-Italja u l-Greċja
**B. Ċipru, l-Awstrija u s-Slovenja**
C. Il-Polonja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka

24.09.2020

# Adozzjoni ta' pakkett dwar il-finanzi diġitali

## M.1

Waħda mill-ambizzjonijiet il-kbar tal-UE hija t-tranżizzjoni diġitali biex l-Ewropa tinbidel f'attur diġitali globali. Għal dan l-għan, inħolqot Strateġija għall-Finanzi Diġitali. Semmi qasam wieħed li l-UE għandha l-għan li ttejjeb b'din l-Istrateġija.

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) is-servizzi finanzjarji transfruntieri, il-prodotti finanzjarji għall-konsumaturi; 2) l-innovazzjoni mmexxija mid-*data*; 3) il-ġestjoni tad-*data*, pereż. il-protezzjoni u s-sorveljanza tad-*data*; 4) il-finanzjament għall-SMEs; 5) il-kompetizzjoni fost il-fornituri tas-servizzi finanzjarji.**

## M.2

X'inhuma l-kriptoassi?

- **Il-kriptoassi huma rappreżentazzjonijiet diġitali tal-valuri jew tad-drittijiet, li jistgħu jiġu ttrasferiti u maħżuna elettronikament, bl-użu ta' teknoloġija blockchain speċifika. Dawn jistgħu jintużaw fil-forma ta' muniti jew tokens diġitali għall-aċċess għas-servizzi finanzjarji jew bħala mezz ta' ħlas.**

## M.3

Bħala parti mill-pakkett dwar il-finanzi diġitali, il-Kummissjoni pproponiet att dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (digital operational resilience act, DORA). Dwar xiex inhu DORA?

A. Huwa dwar l-istimolu tal-innovazzjoni u l-kompetizzjoni responsabbli fost il-fornituri tas-servizzi finanzjarji

B. Huwa dwar il-fatt li se jagħmilha aktar faċli għall-konsumaturi biex iħallsu fil-ħwienet u jagħmlu tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku b'mod sikur u konvenjenti

**C. Huwa dwar l-iżgurar li l-parteċipanti kollha fis-sistema finanzjarja jkollhom is-salvagwardji meħtieġa fis-seħħ biex itaffu l-attakki ċibernetiċi u riskji oħra.**

06.10.2020

# Adozzjoni ta' pjan ekonomiku u ta' investiment għall-Balkani tal-Punent

## M.1

Kemm huwa mistenni li jiġi mobilizzat finanzjament mill-Pjan ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent?

**A. Sa €29 biljun**
B. Sa € 16 biljun
C. Sa € 13 biljun

## M.2

Tista' ssemmi qasam wieħed li fih se jiġu ffinanzjati proġetti bis-saħħa tal-pjan ta' investiment għall-Balkani tal-Punent?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) trasport sostenibbli; 2) enerġija nadifa; 3) ambjent u klima; 4) diġitali; 5) settur privat; 6) kapital uman.**

## M.3

L-UE ilha tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi fil-Balkani tal-Punent b'mezzi finanzjarji u tekniċi. X'inhu l-isem ta' wieħed mill-programmi ewlenin li permezz tagħhom l-UE llum qed tipprovdi din l-assistenza?

**A. L-Istrument għal Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-accession Assistance, IPA)**
B. L-Istrument tal-UE għal Assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali (Instrument for Pre-accession Assistance in Rural Development, IPARD)
C. Assistenza Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabbilizzazzjoni (Community Assistance for Reconstruction, Development and Stabilisation, CARDS)

07.10.2020

# Adozzjoni ta’ pjan ta’ 10 snin għall-appoġġ tar-Rom fl-UE

## M.1

Kemm jgħixu persuni Rom fl-UE?

A. Madwar 3,5 miljuni
B. Madwar 8 miljuni
**C. Madwar 6 miljuni**

## M.2

Kemm-il persuna Rom esperjenzat diskriminazzjoni f’dawn l-aħħar ħames snin?

A. 31 %
**B. 41 %**
C. 51 %

## M.3

Il-pjan ta’ 10 snin għall-appoġġ tar-Rom fl-UE għandu seba’ oqsma ewlenin ta’ azzjoni. Tista’ ssemmi wieħed?

- **Dawn huma: l-ugwaljanza, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, u l-akkomodazzjoni.**

14.10.2020

# Adozzjoni ta' Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi

## M.1

Is-sustanzi kimiċi huma komponent essenzjali fil-ħajja tagħna ta' kuljum, iżda xi sustanzi kimiċi jistgħu jagħmlu ħsara serja lil saħħitna jew lill-ambjent. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija ġdida dwar is-sustanzi kimiċi. Hemm gruppi speċifiċi ta' sustanzi kimiċi li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Tista' ssemmi wieħed?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) il-bijoċidi; 2) il-pestiċidi; 3) il-farmaċewtiċi; 4) il-kożmetiċi; 5) l-interferenti endokrinali, eċċ.**

## M.2

X'inhuma l-objettivi tal-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) il-protezzjoni tas-saħħa tan-nies u tal-ambjent; 2) il-ħolqien ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli; 3) il-ħolqien ta' ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.**

## M.3

Tista' tagħti eżempju ta' prodott tal-ħajja ta' kuljum li fih jistgħu jinstabu sustanzi kimiċi?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) il-ġugarelli u prodotti oħra għat-tfal; 2) l-ikel; 3) il-kożmetiċi; 4) l-għamara; 5) it-tessuti.**

27.10.2020

# Wara t-tnedija ta’ SURE f’April, saru l-ewwel żborżi

## M.1

X’inhu SURE?

A. Strateġija għall-Qgħad, l-Irkupru u l-Ekonomija
**B. Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta’ Qgħad f’Emerġenza**
C. Skema għall-Impjieg Reġistrat tal-Unjoni

## M.2

Liema kriżi wasslet għat-tnedija tal-istrument SURE? U liema huma l-oqsma ewlenin li dan l-istrument għandu l-għan li jindirizza?

1. **Il-pandemija tal-coronavirus**
2. **Il-protezzjoni tal-impjiegi, iż-żamma tal-impjiegi, il-kopertura tal-ispejjeż tas-skemi tax-xogħol għal żmien qasir**

## M.3

Liema kienu l-ewwel tliet pajjiżi li rċevew l-ewwel żborż tas-SURE?

**A. Spanja, l-Italja u l-Polonja**
B. Franza, il-Portugall u s-Slovenja
C. Il-Greċja, is-Slovakkja u l-Ġermanja

11.11.2020

# Tnedija tal-aġenda tal-konsumatur ġdida

## M.1

L-aġenda tal-konsumatur ġdida kif se tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex ikollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika? Tista' taħseb f'eżempju?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-iżgurar li l-prodotti sostenibbli jkunu disponibbli għall-konsumaturi fis-suq tal-UE u li l-konsumaturi jkollhom informazzjoni aħjar biex ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata; 2) li l-konsumaturi jiġu mgħammra b'informazzjoni aħjar dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti; 3) il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra ċerti prattiċi bħall-greenwashing jew l-obsolexxenza bikrija; 4) il-promozzjoni tat-tiswija u l-inkoraġġiment ta' prodotti aktar sostenibbli u "ċirkolari"; 5) l-inkoraġġiment tan-negozji biex jappoġġaw il-konsum sostenibbli.**

## M.2

L-infiq tal-konsumatur jiddeskrivi l-flus totali minfuqa minn individwi fuq oġġetti u servizzi finali. X'perċentwal tal-PDG tal-UE jiġi mill-infiq tal-konsumatur?

A. 45 %
B. 33 %
**C. 54 %**

## M.3

L-UE qed tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex ikollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika, pereżempju fl-għażla ta' prodotti aktar sostenibbli. Waħda mill-azzjonijiet tal-UE hija li tipproteġi lill-konsumaturi kontra prattiki ta' greenwashing. Xi jfisser it-terminu "greenwashing"?

A. Is-sustanzi kimiċi użati mill-kumpaniji fil-produzzjoni tagħhom tat-tessuti
**B. Il-prattika li permezz tagħha l-kumpaniji jagħtu impressjoni falza tal-impatt jew il-benefiċċji ambjentali tal-prodotti tagħhom**
C. Prattika ta' kumpaniji li jagħtu goodies bbażati fuq il-plastik mingħajr ħlas

11.11.2020

# Jittieħdu l-ewwel passi lejn il-bini tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa

## M.1

Bħala parti mill-bini tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, l-UE qed tippjana li ssaħħaħ it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet ta' żewġ aġenziji ewlenin tal-UE f'dan il-qasam. Liema huma?

A. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

**B. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**

C. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà

## M.2

Parti ewlenija tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa hija l-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer. Tista' tispjega dwar xiex inhu?

- **Il-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer għandu l-għan li jipprevjeni l-kanċer u jiżgura li l-pazjenti bil-kanċer, is-superstiti, il-familji tagħhom u l-persuni li jindukraw ikunu jistgħu jgawdu minn kwalità għolja tal-ħajja.**

## M.3

F'liema pajjiż tal-UE huwa bbażat iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)?

A. Il-Belġju

**B. L-Iżvezja**

C. Il-Polonja

12.11.2020

# Preżentazzjoni tal-ewwel strateġija tal-UE għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ

## M.1

Il-Kummissjoni Ewropea żiedet l-azzjoni biex tippromwovi Unjoni ta' Ugwaljanza għal kulħadd billi adottat l-ewwel Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ. Din tistabbilixxi għadd ta' objettivi ewlenin fuq erba' pilastri li għandhom jinkisbu sal-2025. X'taħseb li jkopru dawn il-pilastri? Tista' taħseb f'qasam fejn hija meħtieġa aktar azzjoni?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-indirizzar tad-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ; 2) l-iżgurar tas-sikurezza tagħhom; 3) il-bini ta' soċjetajiet inklużivi; 4) il-promozzjoni tas-sejħa għall-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ madwar id-dinja.**

## M.2

Kif tiddeskrivi "familja qawsalla"?

- **Familja qawsalla hija familja b'membru LGBTIQ wieħed jew aktar, jew familja b'ġenitur LGBTIQ.**
  **Minħabba differenzi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali bejn l-Istati Membri, ir-relazzjonijiet familjali mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti meta familji qawsalla jaqsmu l-fruntieri interni tal-UE. Il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-paternità u tesplora miżuri possibbli biex tappoġġa r-rikonoxximent reċiproku ta' sħubija bejn persuni tal-istess ġeneru fl-Istati Membri.**

## M.3

Fl-2019, x'perċentwal ta' persuni LGBTIQ ħassewhom diskriminati?

A. 37 %
**B. 43 %**
C. 52 %

25.11.2020

# Preżentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

## M.1

L-UE ppreżentat pjanijiet ambizzjużi biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa permezz tal-azzjoni esterna tagħha. In-nisa u l-bniet huma kruċjali għall-iżvilupp u għall-bidla. Fl-istess ħin, ħafna sfidi moderni jaffettwawhom b'mod sproporzjonat. X'perċentwal tal-popolazzjoni spostata minħabba t-tibdil fil-klima hija ffurmata min-nisa?

A. 60 %
B. 70 %
**C. 80 %**

## M.2

Dwar xiex inhi d-Dikjarazzjoni ta' Beijing?

- **Id-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma għal Azzjoni, adottati unanimament minn 189 pajjiż fl-1995, huma meqjusa bħala l-aktar qafas ta' politika globali komprensiv għad-drittijiet tan-nisa.**

## M.3

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021-2025, x'perċentwal tal-azzjonijiet esterni l-ġodda kollha se jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-2025?

A. 62 %
B. 76 %
**C. 85 %**

02.12.2020

# Proposta għal aġenda trans-atlantika ġdida għall-kooperazzjoni globali

## M.1

L-aġenda trans-Atlantika ġdida għall-kooperazzjoni globali għandha erba' oqsma ta' prijorità. Tista' ssemmi wieħed?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) ir-rispons tas-saħħa; 2) it-tmexxija ekoloġika; 3) il-kummerċ u t-teknoloġija; 4) l-azzjoni u s-sigurtà globali.**

## M.2

X'tip ta' kunsill ta' kooperazzjoni stabbilew l-UE u l-Istati Uniti fuq il-bażi ta' din l-aġenda fl-2021?

A. Il-Kunsill tad-Difiża u s-Sigurtà
**B. Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija**
C. Il-Kunsill tat-Tħejjija għall-Kriżijiet

## M.3

L-investiment totali tal-Istati Uniti fl-UE huwa ogħla minn dak fl-Asja kollha. Kemm-il darba ogħla?

A. Darbtejn
**B. Tliet darbiet**
C. Erba' darbiet

*L-investiment totali tal-Istati Uniti fl-UE huwa tliet darbiet ogħla minn dak fl-Asja kollha. L-investiment tal-UE fl-Istati Uniti huwa madwar tmien darbiet l-ammont ta' investiment tal-UE fl-Indja u ċ-Ċina flimkien.

03.12.2020

# Preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea

## M.1

X'inhuma l-miżuri ewlenin tal-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea?

**A. Elezzjonijiet ġusti, media ħielsa u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni**
B. L-inkoraġġiment tan-nies biex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika u jivvotaw fl-elezzjonijiet
C. It-tisħiħ tad-demokrazija fil-livell lokali

## M.2

Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea x'proposti jinkludi dwar il-protezzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti? Tista' taħseb f'eżempju?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) regoli ġodda dwar it-trasparenza fir-reklamar politiku; 2) reviżjoni tar-regoli eżistenti dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej; 3) stabbiliment ta' mekkaniżmu ġdid tal-UE għar-reżiljenza elettorali biex jiġi miġġieled it-theddid għall-proċess elettorali; 4) promozzjoni tar-rispett fid-dibattitu pubbliku u ġlieda mill-ġdid kontra d-diskors ta' mibegħda online.**

## M.3

Il-protezzjoni aħjar għall-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Fl-2021, kemm ġew irrappurtati attakki fiżiċi u legali kontra ġurnalisti u ħaddiema tal-media fl-24 Stat Membru tal-UE lir-Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Media?

A. 147
**B. 439**
C. 651

15.12.2020

# Preżentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali

## M.1

Semmi wħud mir-regoli l-ġodda introdotti mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

**It-tweġibiet possibbli huma:**

- Miżuri kontra l-kontenut illegali online, inkluż kontra l-oġġetti u s-servizzi illegali.
- Regoli ġodda biex jiġu identifikati l-bejjiegħa fis-swieq online ħalli jgħinu biex tinbena l-fiduċja u jkun eħfef li jinqabdu l-iscammers.
- Termini u kundizzjonijiet tal-pjattaformi ċari, jinftiehmu u trasparenti għal kulħadd, u li l-applikazzjoni tagħhom mhijiex arbitrarja.
- L-utenti għandhom id-dritt ta' lment u għal rimedju kontra deċiżjoniijet ta' moderazzjoni tal-kontenut.
- Drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni, huma protetti bis-sħiħ online.
- Il-pjattaformi jridu jtaffu r-riskji, bħad-diżinformazzjoni jew il-manipulazzjoni fl-elezzjonijiet, il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa, jew l-abbuż lill-minorenni online.
- Projbizzjonijiet ta' reklamar immirat li jfasslu profili tat-tfal jew fuq il-bażi ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali bħall-etniċità, il-fehmiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali - u projbizzjoni fuq l-użu tal-hekk imsejħa "dark patterns".
- Dispożizzjonijiet ġodda biex ir-riċerkaturi jiksbu aċċess għad-*data* tal-pjattaformi ewlenin sabiex jiskrutinaw kif jaħdmu l-pjattaformi u kif jevolvu r-riskji online.

## M.2

Il-Karta tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali tipproteġi d-*data* personali tal-utenti online?

A. Iva, iżda mhuwiex speċifikat bħala tali.

**B. Iva, l-Artikolu 8 tal-Karta jipprovdi d-dritt għal kulħadd għall-protezzjoni tad-*data* personali li tirrigwardah.**

C. Le, il-Karta jeħtieġ li tiġi aġġornata biex tinkludi l-protezzjoni sħiħa tad-*data* personali.

## M.3

X'nifhmu b'gwardjani?

**A. Pjattaformi li għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq intern u li jservu bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali tagħhom.**

B. Pjattaformi li jivverifikaw il-konformità tal-GDPR ta' kumpaniji oħra attivi online.

C. Kumpaniji li għandhom għarfien speċifiku f'qasam.

21.12.2020

# Il-Kummissjoni tawtorizza l-ewwel vaċċin sikur u effettiv kontra l-COVID-19

## M.1

X'inhu l-isem il-kumpanija tal-ewwel vaċċin kontra l-COVID-19 li l-Kummissjoni awtorizzat għall-użu fl-UE?

- **A. BioNTech-Pfizer**
- B. Moderna
- C. AstraZeneca

## M.2

It-tilqim jgħin id-difiżi immunitarji ta' persuna biex tingħeleb marda komuni li tista' tkun esposta għaliha. Tista' taħseb f'marda waħda li l-vaċċini jipproteġu kontra?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) epatite B; 2) infezzjoni tal-papillomavirus uman (HPV); 3) influwenza; 4) ħosba, gattone u rubella; 5) poljo; 6) tetnu; 7) tuberkulożi**

## M.3

X'perċentwal ta' ċittadini adulti tal-UE tlaqqmu fl-ewwel sena minn meta beda t-tilqim?

- A. 65 %
- **B. 78 %**
- C. 89 %

27.12.2020

# L-ewwel Ewropej huma mlaqqma kontra l-COVID-19

Inti tlaqqamt. Erġa’ ixħet id-dada.

01.01.2021

# 2021 - Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji

## M.1

Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji enfasizzat il-benefiċċji tal-ferroviji bħala mezz ta' trasport sostenibbli, intelliġenti u sikur. Il-ferrovija hija waħda mill-aktar forom sostenibbli ta' trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Bejn wieħed u ieħor, x'perċentwal tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport fl-UE jiġi ġġenerat mill-ferroviji?

A. 10 %
B. 5 %
**C. Inqas minn 0,5 %**

## M.2

Bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ferroviji, ferrovija speċjali tal-UE, Connecting Europe Express, qasmet il-kontinent mit-2 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru 2021. F'kemm-il pajjiż waqqfet din il-ferrovija?

A. F'20 pajjiż
**B. F'26 pajjiż**
C. F'27 pajjiż

## M.3

Kemm-il ferrovija bil-kalibru kienet tinkludi l-Connecting Europe Express?

**A. Tliet ferroviji bil-kalibru differenti operati minn kumpaniji ferrovjarji minn Stati Membri differenti tal-UE.**
B. Erba' ferroviji bil-kalibru differenti operati minn kumpaniji ferrovjarji mill-Istati Membri tal-UE u l-Iżvizzera.
C. Ferroviji bil-kalibru waħda minn kull Stat Membru.

18.01.2021

# Il-Kummissjoni tniedi l-fażi tad-disinn tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

## M.1

X'inhi t-tifsira ta' Bauhaus?

A. Kelma Ġappuniża li tfisser "sostenibbiltà"

B. Ideoloġija Griega li tiddeskrivi forma ta' ekonomija u soċjetà li hija dejjiema u li tista' tiġi esperjenzatha fuq skala globali

**C. Skola tal-arti Ġermaniża operattiva mill-1919 sal-1933**

*Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija ispirata mill-iskola tal-arti eponima mwaqqfa fil-Ġermanja minn Walter Gropius fl-1919 dwar il-prinċipji sperimentali tal-funzjonaliżmu u l-verità tal-materjali. Wara li ngħalqet min-Nazisti fl-1933, l-ideat tagħha ġew disseminati b'mod wiesa' mill-istudenti u l-persunal tiegħu, inklużi Kandinsky, Klee, Feininger, Moholy Nagy, u Mies van der Rohe.

## M.2

X'inhuma t-tliet valuri ewlenin tal-moviment tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida?

**A. Is-sostenibbiltà, l-estetika, u l-inklużività**

B. Is-sostenibbiltà, l-integrazzjoni u d-diversità

C. Ir-rispett, il-progress u l-inklużività

## M.3

Ma' liema prijorità tal-Kummissjoni Ewropea huwa konness prinċipalment il-moviment tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida?

A. Ewropa lesta għal era diġitali

**B. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew**

C. Il-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew

09.02.2021

# Proposta għal aġenda ġdida għall-Mediterran

## M.1

L-aġenda ġdida għall-Mediterran għandha l-għan li tniedi mill-ġdid u ssaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha. Tista' ssemmi mill-inqas pajjiż wieħed tal-Viċinat tan-Nofsinhar?

- **L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina*, is-Sirja u t-Tuneżija.**
  *Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tinftiehem bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri rigward din il-kwistjoni.

## M.2

Kemm ġew allokati flus għall-implimentazzjoni tal-aġenda ġdida għall-Mediterran għall-2021-2027?

A. Sa € 15 biljun
B. Sa € 26 biljun
**C. Sa € 30 biljun**

## M.3

X'inhu l-isem tad-dikjarazzjoni ffirmata fl-1995, li ħolqot sħubija fost il-firmatarji tagħha mill-UE u mill-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran?

**A. Id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona**
B. Id-Dikjarazzjoni tal-Kajr
C. Id-Dikjarazzjoni ta' Bejrut

17.02.2021

# Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien tal-inkubatur HERA

## M.1

Xi jfisser l-akronimu HERA?

A. L-Awtorità Ewropea għall-Evidenza u r-Riċerka dwar is-Saħħa
B. L-Awtorità Ewropea għan-Nefqa u r-Regolamentazzjoni dwar is-Saħħa
**C. L-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa**

## M.2

L-HERA topera f'żewġ modalitajiet. Liema huma?

**A. Il-fażi ta' tħejjija u l-fażi ta' kriżi**
B. Il-fażi ta' analiżi u l-fażi ta' azzjoni
C. Il-fażi ta' antiċipazzjoni u l-fażi operattiva

## M.3

X'inhu l-baġit inizjalment allokat għall-inkubatur HERA?

**A. €6 biljun mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għall-perjodu 2022-2027, li parti minnu se jinkiseb mill-pagament supplimentari tan-NextGenerationEU.**
B. € 9 biljun mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għall-perjodu 2022-2027, li parti minnu se jinkiseb mill-pagament supplimentari tan-NextGenerationEU.
C. €3,5 biljun mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għall-perjodu 2022-2027, li kollu se jinkiseb mill-pagament supplimentari tan-NextGenerationEU.

03.03.2021

# Preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030

## M.1

X'inhi l-ewwel konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem li ngħaqdet magħha l-UE?

A. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu
**B. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità**
C. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal

## M.2

X'perċentwal ta' persuni b'diżabilità huma impjegati fl-UE?

A. 60,1 %
B. 55 %
**C. 50,8 %**

## M.3

Teżisti Karta tad-Diżabilità tal-UE li tippermetti r-rikonoxximent reċiproku tal-*istatus* tad-diżabilità fl-Istati Membri kollha tal-UE?

A. Iva.
B. Le.
**C. Għad le. Se ssir proposta tal-Kummissjoni fi tmiem l-2023, fuq il-bażi ta' studju pilota li sar fi tmien Stati Membri.**

04.03.2021

# Preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

## M.1

Kemm hemm prinċipji u drittijiet ewlenin stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali?

A. 18
**B. 20**
C. 25

## M.2

Liema mit-tliet miri tal-UE ambizzjużi li ġejjin **mhux** stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-Kummissjoni?

A. Mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena mistennija li jkollhom impjieg sal-2030.
**B. Mill-inqas 60 % tal-adulti kollha se jkunu qed jokkupaw pożizzjonijiet ta' responsabbiltà sal-2030.**
C. Mill-inqas 60 % tal-adulti kollha għandhom jipparteċipaw f'taħriġ kull sena sal-2030.

## M.3

Kemm-il Stat Membru ppreżenta l-miri nazzjonali tagħhom biex jikkontribwixxu għall-miri ewlenin soċjali tal-UE?

A. 18
B. 23
**C. 27**

09.03.2021

# Preżentazzjoni tal-miri diġitali tal-UE għall-2030

## M.1

X'perċentwal tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu jkun iddedikat għat-tranżizzjoni diġitali f'kull pajjiż tal-UE?

**A. 20 %**
B. 22 %
C. 25 %

## M.2

Liema minn dawn li ġejjin hija mira għall-2030 fil-Perkors għad-Deċennju Diġitali?

A. 90 % taċ-ċittadini jkollhom kompjuter privat id-dar.
B. Tliet kwarti tal-popolazzjoni jkunu jużaw l-internet mill-inqas darba fil-ġimgħa.
**C. Mill-inqas 80 % taċ-ċittadini jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi.**

## M.3

X'inhu l-isem popolari għal kumpaniji ġodda b'valur ta' aktar minn USD 1 biljun?

**A. Negozji ġodda unicorn**
B. Negozji ġodda rockets
C. Negozji ġodda cheetah

24.03.2021

# Stabbiliment ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal

## M.1

Liema prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jindirizza l-Garanzija Ewropea għat-Tfal?

A. Prinċipju 16: Kura tas-saħħa
**B. Prinċipju 11: Kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal**
C. Prinċipju 20: Aċċess għal servizzi essenzjali

## M.2

Kemm damu l-Istati Membri biex jadottaw il-Garanzija Ewropea għat-Tfal?

A. Sena sħiħa
B. Nofs sena
**C. Inqas minn tliet xhur**

## M.3

Skont il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jipprovdu aċċess bla ħlas u effettiv għat-tfal fil-bżonn għal … (semmi qasam wieħed)

**A. l-edukazzjoni u t-tħaris bikri tat-tfal;**
**B. l-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskejjel;**
**C. mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola;**
**D. il-kura tas-saħħa.**

25.03.2021

# Preżentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika

## M.1

X'inhi CAP?

A. Assoċjazzjoni Kroata għad-difiża tal-pollinaturi
**B. Politika Agrikola Komuni**
C. Patt dwar il-Klima u l-Agrikoltura

## M.2

X'inhi l-biedja organika?

- **Il-biedja organika hija metodu agrikolu li għandu l-għan li jipproduċi l-ikel permezz ta' sustanzi u proċessi naturali.**

## M.3

X'jidher fil-logo li jidentifika l-produzzjoni organika tal-UE?

A. Tuffieħ roża
B. Fjura safra
**C. Werqa ħadra**

14.04.2021

# Preżentazzjoni ta' strateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata u strateġija dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin

## M.1

L-istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata stabbiliet l-għodod u l-miżuri li għandhom l-għan li jfixklu l-mudelli kummerċjali u l-istrutturi tal-organizzazzjonijiet kriminali bejn il-fruntieri, kemm online kif ukoll offline. Tista' taħseb f'qasam konkret fejn dan isir?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) żieda fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji; 2) investigazzjonijiet aktar effettivi biex ifixklu l-istrutturi tal-kriminalità organizzata; 3) żgurar li l-kriminalità ma trendix qligħ; 4) adattament tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura għall-era diġitali.**

## M.2

Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, it-traffikar tal-bnedmin għadu theddida serja fl-UE. Il-vittmi huma prinċipalment nisa u bniet ittraffikati għall-isfruttament sesswali. Bejn wieħed u ieħor x'perċentwal ta' vittmi jirrappreżentaw in-nisa u l-bniet?

- **A. 72 %**
- B. 65 %
- C. 51 %

## M.3

Tista' ssemmi wieħed mis-swieq kriminali ewlenin fl-Ewropa?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) drogi illeċiti; 2) traffikar tal-bnedmin; 3) faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; 4) frodi, kriminalità ambjentali; 5) armi tan-nar illeċiti; 6) tabakk illeċitu; 7) attivitajiet ta' ċiberkriminalità; 8) kriminalità organizzata kontra l-proprjetà.**

15.04.2021

# Tlestija tan-negozjati għal ftehim ġdid bejn l-UE u l-istati AKP

## M.1

Kif inhu magħruf aktar il-ftehim ta' sħubija nnegozjat bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP)?

**A. Il-Ftehim "ta' wara Cotonou"**
B. Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika tal-AKP
C. Il-Konvenzjoni ta' Lomé

## M.2

Kemm-il pajjiż huwa parti mill-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP)?

A. 69 stat Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku
**B. 79 stat Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku**
C. 89 stat Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku

## M.3

Semmi wieħed mis-sitt oqsma ta' prijorità ewlenin, li fuqhom se jkun ibbażat il-ftehim ta' sħubija, innegozjat bejn l-UE u l-istati AKP.

**Tweġibiet possibbli:**

- Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza f'soċjetajiet li jiffukaw fuq in-nies u bbażati fuq id-drittijiet;
- Paċi u sigurtà;
- L-iżvilupp uman u soċjali;
- Is-sostenibbiltà ambjentali u t-tibdil fil-klima;
- It-tkabbir ekonomiku u l-żvilupp sostenibbli u inklużivi;
- Il-migrazzjoni u l-mobilità.

21.04.2021

# Proposta għal regoli ġodda u azzjoni għall-eċċellenza u l-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali

## M.1

Liema minn dawn it-tliet proġetti ta' intelliġenza artifiċjali **ma** ġiex iffinanzjat mill-UE?

A. In-newroriabilitazzjoni li tassisti l-irkupru ta' pazjenti b'kura intensiva tal-COVID-19
**B. It-tbassir tal-prezzijiet tal-akkomodazzjoni**
C. L-għodod online għall-verifika tal-fatti u d-debunking

## M.2

Il-Kummissjoni Ewropea kemm qed tippjana li tonfoq kull sena fuq l-IA mill-programmi tagħha Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa?

A. €0,5 biljun kull sena
B. €800 miljun kull sena
**C. €1 biljun kull sena**

## M.3

X'perċentwal ta' robots industrijali u ta' servizz personali jiġu prodotti fl-Ewropa?

A. Mill-inqas 50 %
**B. Mill-inqas 25 %**
C. Mill-inqas 15 %

05.05.2021

# Preżentazzjoni tal-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE

## M.1

Liema żewġ tranżizzjonijiet huma magħrufa bħala t-"tranżizzjoni doppja"?

A. Soċjali u politika
**B. Ekoloġika u diġitali**
C. Diġitali u ekonomika

## M.2

Tista' ssemmi qasam wieħed li fih l-UE għandha dipendenzi strateġiċi?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) il-metalli tal-materjali tal-art rari u manjeżju; 2) is-sustanzi kimiċi; 3) il-pannelli solari; 4) is-software tal-IT cloud u edge; 5) iċ-ċibersigurtà.**

## M.3

L-UE tiddependi ħafna fuq fornituri barranin għal mill-inqas 137 prodott. Aktar minn nofs dawn id-dipendenzi fuq il-prodotti joriġinaw minn tliet pajjiżi. Semmi wieħed mit-tlieta.

- **Iċ-Ċina, il-Vjetnam u l-Brażil**

09.05.2021

# Inawgurazzjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

## M.1

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kkonkludiet l-ħidma tagħha?

- **A. Iva. Ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-konferenza, inklużi d-49 proposta, ġie ppreżentat fid-9 ta' Mejju 2022**
- B. Le. Ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-konferenza, inklużi l-50 proposta, se jiġi ppreżentat fid-9 ta' Mejju 2023
- C. Ma hemm l-ebda skadenza definita għall-preżentazzjoni tar-rapport dwar l-eżitu finali tal-konferenza

## M.2

Liema istituzzjonijiet tal-UE se jsegwu l-proposti li ċ-ċittadini fformulaw dwar il-futur tal-Ewropa?

- **Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea.**

## M.3

X'inhu l-motto tar-rapport dwar l-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa?

- A. "L-Ewropa li lkoll irridu"
- **B. "Il-futur f'idejk"**
- C. "Viva l-Ewropa!"

12.05.2021

# Adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE lejn tniġġis żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija

## M.1

Xi jfisser “tniġġis żero”?

- **Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa l-ambizzjoni li tintlaħaq il-mira ta’ tniġġis żero sal-2050, sabiex aħna lkoll inkunu nistgħu ngħixu f’ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi. Biex niżguraw li dan iseħħ, irridu niżguraw li t-tniġġis jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux mistennija li jkunu ta’ ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali, li jirrispettaw il-limiti li l-pjaneta tagħna tista’ tlaħħaq magħhom. Dan huwa “tniġġis żero”.**

## M.2

Kemm hemm bżonn innaqqsu l-iskart fil-baħar biex intejbu l-kwalità tal-ilma sal-2030?

A. B’20 %
**B. B’50 %**
C. Bi 80 %

## M.3

Kif nistgħu nnaqqsu t-tniġġis mill-produzzjoni u l-konsum? Semmi azzjoni waħda.

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) Tnaqqis tat-tniġġis fl-installazzjonijiet industrijali; 2) Tnaqqis tat-tniġġis fl-agrikoltura; 3) Inkoraġġiment tal-konsumaturi għall-għażliet li jniġġsu l-inqas; 4) Is-sustanzi kimiċi, il-materjali u l-prodotti jsiru sikuri u sostenibbli kemm jista’ jkun mid-disinn u fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom; 5) Għoti ta’ prezz ġust għat-tniġġis u ħolqien ta’ inċentivi għal alternattivi.**

17.05.2021

# Preżentazzjoni ta' approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli

## M.1

Kemm hemm impjiegi fl-ekonomija blu Ewropea (l-industriji u s-setturi kollha relatati mal-oċeani, l-ibħra u l-kosti)?

**A. 4,5 miljuni**
B. 6,5 miljuni
C. 8 miljuni

## M.2

Kemm mill-ilma tagħna jinħażen fl-oċeani?

A. 85 %
B. 93 %
**C. 97 %**

## M.3

Kemm-il tunnellata ta' plastik jidħol fl-ibħra Ewropej kull sena?

**A. Madwar 27 000 tunnellata**
B. Madwar 15 000 tunnellata
C. Madwar 7 000 tunnellata

18.05.2021

# Adozzjoni ta' komunikazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi għas-seklu 21

## M.1

X'perċentwal tad-dħul globali mit-taxxa fl-EU-27 jiġi mit-taxxi fuq ix-xogħol?

A. Aktar minn 25 %
**B. Aktar minn 50 %**
C. Aktar minn 65 %

*Il-baġits tal-Istati Membri jiddependu ħafna fuq it-taxxi fuq ix-xogħol, inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali, li jipprovdu aktar minn 50 % tad-dħul globali mit-taxxa fl-UE-27.

## M.2

L-OECD hija organizzazzjoni li tmexxi r-riforma tat-taxxa internazzjonali. X'inhi l-OECD?

A. L-Organizzazzjoni għall-Koordinazzjoni Ewropea tad-Defiċit
B. L-Organizzazzjoni għall-Krediti u d-Dejn Ewropej
**C. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi**

## M.3

X'inhi kumpanija fittizja?

A. Kumpanija li għandha membru wieħed biss bħala azzjonist uniku
**B. Kumpanija mingħajr preżenza sostanzjali jew bi preżenza minima (l-ebda uffiċċju jew impjegat) u l-ebda attività ekonomika reali**
C. Kumpanija b'għanijiet ta' karità

01.06.2021

# Tnedija tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

## M.1

Fejn huwa l-kwartieri ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew?

A. F'Ruma

B. F'Amsterdam

**C. Fil-Lussemburgu**

## M.2

Bejn wieħed u ieħor, kemm-il rapport dwar il-kriminalità pproċessa l-Uffiċċju fl-ewwel sena ta' ħidma tiegħu?

A. Aktar minn 1 000

**B. Aktar minn 4 000**

C. Aktar minn 7 000

L-għadd eżatt huwa 4 006.

## M.3

Minn liema pajjiż tal-UE hija Laura Codruța Kövesi, il-Kap Prosekutur Ewropew?

A. Mill-Polonja

B. Mill-Bulgarija

**C. Mir-Rumanija**

02.06.2021

# Preżentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida ta' Schengen

## M.1

Kemm-il pajjiż huwa membru taż-Żona Schengen?

A. 23
**B. 26**
C. 28

## M.2

Liema pajjiżi mhux tal-UE huma membri taż-Żona Schengen?

- **L-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.**

## M.3

Bħalissa liema pajjiżi tal-UE mhumiex membri taż-Żona Schengen?

- **Il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja, Ċipru u l-Irlanda.**

03.06.2021

# Proposta għal qafas għal identità diġitali Ewropea affidabbli u sikura

## M.1

Min se jkun jista' juża l-Identità Diġitali Ewropea?

A. Iċ-ċittadini tal-UE u l-kumpaniji tan-negozju bbażati fl-UE biss
B. Ċittadini minn kwalunkwe wieħed mis-26 pajjiż li huma parti miż-Żona Schengen biss
**C. Kwalunkwe ċittadin tal-UE, resident u negozju fl-UE li jixtieq jużaha**

## M.2

Skont il-proposta tal-Identità Diġitali Ewropea, il-pajjiżi tal-UE se joffru portafolli diġitali liċ-ċittadini u lin-negozji li jippermettulhom jidentifikaw lilhom infushom b'mod diġitali, jaħżnu u jimmaniġġaw id-*data* tal-identità u d-dokumenti uffiċjali f'format elettroniku. Taħseb li l-portafoll diġitali jista' jintuża b'mod ieħor?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) aċċess għal kont bankarju; 2) applikazzjoni għal self; 3) preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa; 4) reġistrazzjoni f'università; 5) prova tal-età tiegħek; 6) kiri ta' karozza; 7) reġistrazzjoni bħala resident f'pajjiż ieħor tal-UE; 8) xiri ta' SIM card; 9) abbonament għal pass tat-trasport pubbliku, eċċ.**

## M.3

Il-Kummissjoni stabbiliet għadd ta' miri biex tikseb it-tranżizzjoni diġitali sal-2030. X'perċentwal taċ-ċittadin jenħtieġ li jużaw eID (ID elettronika) sa dak iż-żmien?

A) 70 % taċ-ċittadini tal-UE
B) 75 % taċ-ċittadini tal-UE
**C) 80 % taċ-ċittadini tal-UE**

01.07.2021

# Jidħol fis-seħħ iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

## M.1

X'tista' turi biċ-ċertifikat COVID Diġitali tiegħek?

- **Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa prova diġitali li persuna jew 1) tlaqqmet kontra l-COVID-19, 2) irċeviet riżultat negattiv tat-test jew 3) irkuprat mill-COVID-19.**

## M.2

Tista' ssemmi karatteristika ewlenija waħda taċ-Ċertifikat COVID Diġitali?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) format diġitali u/jew stampat; 2) b'kodiċi QR; 3) mingħajr ħlas; 4) validu fil-pajjiżi kollha tal-UE; 5) bil-lingwa nazzjonali u bl-Ingliż.**

## M.3

Kemm-il pajjiż mhux fl-UE ssieħbu fis-sistema taċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sa issa?

A. 37 pajjiż mhux fl-UE.
B. 42 pajjiż mhux fl-UE.
**C. 48 pajjiż mhux fl-UE.**

*Sal-aħħar ta' Lulju 2022, 48 pajjiż mhux fl-UE ngħaqdu mas-sistema. Iċ-ċertifikati COVID maħruġa f'dawk il-pajjiżi (u t-territorji) huma aċċettati fl-UE bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Bl-istess mod, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE hu aċċettat minn dawn it-48 pajjiż.

14.07.2021

# Adozzjoni tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %"

## M.1

Għal xiex jirreferi n-numru 55 f'"Lesti għall-mira ta' 55 %"?

- **55 %. Dik hija l-mira għat-tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.**

## M.2

Sabiex niksbu l-miri klimatiċi tagħna, għandna bżonn naqtgħu gradwalment l-emissjonijiet tat-trasport. B'kemm għandna bżonn innaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport?

**A) Għandna bżonn naqtgħu 90 % tal-emissjonijiet mit-trasport sal-2050 biex naslu għan-newtralità klimatika**

B) Sal-2050 għandna bżonn naqtgħu 95 % tal-emissjonijiet tat-trasport biex naslu għan-newtralità klimatika.

C) Sal-2030 għandna bżonn naqtgħu 75 % tal-emissjonijiet mit-trasport biex naslu għan-newtralità klimatika

## M.3

Bejn wieħed u ieħor, kemm-il vettura elettrika ġdida (karozzi purament elettriċi u ibridi plug-in) ġew irreġistrati fl-Unjoni Ewropea fl-2020?

**A. 1 miljun**

B. 1,5 miljun

C. 1,8 miljun

16.07.2021

# Preżentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-foresti

## M.1

X'inhu l-perċentwal tal-art tal-UE li huwa foresti?

A) 35 %
B) 39,1 %
**C) 43,5 %**
*43,5 % (kważi 182 miljun ettaru) tal-art tal-UE huwa foresti u art imsaġġra oħra.

## M.2

Xi kemm-il siġra addizzjonali wegħdna li nħawlu fl-UE sal-2030?

A) 1 biljun
B) 2,5 biljuni
**C) 3 biljuni**

## M.3

Bħalissa, il-bijoenerġija bbażata fuq l-injam hija s-sors ewlieni tal-enerġija rinnovabbli. X'perċentwal tirrappreżenta mill-enerġija rinnovabbli?

A) Qed tforni 50 % tal-użu tal-enerġija rinnovabbli tal-UE
**B) Qed tforni 60 % tal-użu tal-enerġija rinnovabbli tal-UE**
C) Qed tforni 75 % tal-użu tal-enerġija rinnovabbli tal-UE

23.09.2021

# Proposta għal ċarġer komuni għal apparat elettroniku

## M.1

Il-Kummissjoni pproponiet port tal-iċċarġjar armonizzat għall-apparati elettroniċi. Liema port għandu jkun il-port komuni?

- **USB-C.**

## M.2

Kemm jinħoloq skart elettroniku minn ċarġers mhux użati kull sena?

**A. 11 000 tunnellata**
B. 15 000 tunnellata
C. 20 000 tunnellata

## M.3

Bħala medja, il-konsumaturi kemm-il ċarġer tal-mobiles għandhom?

- **Tlieta.**

29.09.2021

# Adozzjoni tal-komunikazzjoni dwar il-missjonijiet Ewropej

## M.1

Il-Missjonijiet tal-UE huma strument ġdid u ambizzjuż biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi ewlenin li qed niffaċċaw. Jistabbilixxu miri ċari li jridu jinkisbu fi żmien stipulat. Dawn se jħallu impatt billi jpoġġu r-riċerka u l-innovazzjoni fi rwol ġdid, flimkien ma' forom ġodda ta' governanza u kollaborazzjoni. Fuq liema programm tal-UE jissejsu?

A. Fuq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
**B. Fuq l-Orizzont 2020, il-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni.**
C. Fuq il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

## M.2

Waħda mill-missjonijiet Ewropej hija "Negħlbu l-Kanċer: Missjoni Possibbli". Il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' aktar minn tliet miljun persuna permezz tal-prevenzjoni, il-kura u s-soluzzjonijiet għal ħajja itwal u aħjar. Il-Kummissjoni sa meta trid tilħaq dik il-mira?

- **Sal-2030**

## M.3

L-ibliet jipproduċu aktar minn 70 % tal-emissjonijiet globali tas-$CO_2$ u għalhekk għandhom rwol ċentrali fil-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050. Permezz ta' Missjoni tal-UE, kemm-il belt se tiġi megħjuna biex sal-2030 tikseb in-newtralità klimatika?

A. 50 belt
B. 78 belt
**C. 100 belt**

05.10.2021

# Preżentazzjoni tal-ewwel strateġija tal-UE kontra l-antisemitiżmu

## M.1

Il-Kummissjoni kemm ilha li ħatret Koordinatur għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija?

A. Mill-2005
B. Mill-2010
**C. Mill-2015**

## M.2

X'inhi l-kelma bl-Ebrajk għall-olokawst?

A. Shalom
**B. Shoah**
C. Todah

## M.3

Bejn wieħed u ieħor kemm hi kbira l-popolazzjoni Lhudija fl-UE llum?

**A. Sa 1,5 miljun**
B. Sa 3 miljuni
C. Sa 4,5 miljuni

12.10.2021

# Il-ħruġ tal-ewwel bond ekoloġiku

## M.1

Kemm ġabret flus il-Kummissjoni mill-bonds ekoloġiċi?

A. Ġabret €10 biljun biex jintużaw għat-tranżizzjonijiet doppji biss
**B. Ġabret €12-il biljun biex jintużaw għal investimenti ekoloġiċi u sostenibbli madwar l-UE biss**
C. Ġabret €15-il biljun biex jintużaw għall-appoġġ lis-settur privat biss

## M.2

Kull Pjan nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu jkollu finanzjament speċifiku għat-tranżizzjoni ekoloġika. X'inhu l-perċentwal minimu għal dan?

A. 25 %
B. 33 %
**C. 37 %**
*Minimu ta' 37 % ta' kull Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għandu jkun iddedikat għat-tranżizzjoni ekoloġika, u ħafna Stati Membri qed jistinkaw biex jagħmlu aktar.

## M.3

X'inhu l-baġit tan-NextGenerationEU, l-istrument temporanju li se jixpruna l-irkupru tal-UE?

A. Aktar minn €750 biljun
**B. Aktar minn € 800 biljun**
C. Aktar minn € 900 biljun
*Iċ-ċifra eżatta hija €806,9 biljun.

13.10.2021

# Preżentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar l-Artiku

## M.1

Ir-reġjun tal-Artiku huwa ta' importanza strateġika ewlenija għall-UE, fid-dawl tat-tibdil fil-klima, tal-materja prima kif ukoll tal-influwenza ġeostrateġika. Permezz ta' Politika ġdida, l-UE pproponiet għadd ta' passi biex issaħħaħ l-impenn tagħha mar-reġjun. Tista' taħseb f'eżempju konkret ta' x'qed tagħmel l-UE?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-indirizzar tal-impatt ekoloġiku, soċjali, ekonomiku u politiku tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali; 2) il-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità tal-Artiku; 3) l-indirizzar tal-emissjonijiet tal-karbonju iswed u t-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju u l-impronta ambjentali tat-trasport marittimu; 4) appoġġ għal żvilupp inklużiv u sostenibbli tar-reġjuni tal-Artiku; 5) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali.**

## M.2

Min huma n-nies indiġeni tal-Artiku?

- **L-Inuits.**

## M.3

Bejn wieħed u ieħor kemm-il persuna tgħix fit-Tramuntana taċ-Ċirku Artiku?

A. 3,5 miljuni
**B. 4 miljuni**
C. 4,5 miljuni

17.11.2021

# Regolament biex titrażżan id-deforestazzjoni u l-vjeġġi tal-iskart xprunati mill-UE u strateġija ġdida tal-UE dwar il-ħamrija

## M.1

Semmi prodott wieħed li huwa kopert mir-regoli tal-UE kontra d-deforestazzjoni?

- **Tweġibiet possibbli: 1) żejt tal-palm; 2) ċanga; 3) sojja; 4) kafè; 5) kawkaw; 6) injam.**

## M.2

Fl-2020 l-UE esportat madwar 32,7 miljun tunnellata ta' skart lejn pajjiżi mhux tal-UE. Liema pajjiż importa l-akbar ammont ta' skart?

- **It-Turkija, segwita mill-Indja, ir-Renju Unit u l-Iżvizzera.**

## M.3

X'perċentwal ta' organiżmi ħajjin jinsabu fil-ħamrija?

A. 5 %
B. 10 %
**C. 25 %**

*Il-ħamrija hija ekosistema essenzjali li fiha aktar minn 25 % tal-organiżmi ħajjin kollha fuq il-pjaneta.

25.11.2021

# Proposti dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku u miżuri biex tittejjeb il-kapaċità tal-kumpaniji li jiġġeneraw il-kapital

## M.1

Dawn il-proposti huma parti minn pakkett usa' ta' inizjattivi li għandu l-għan li jsaħħaħ id-demokrazija Ewropea, jiġifieri...

A. **Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea (EDAP, European democracy action plan)**
B. Il-Programm tal-Kummissjoni għad-Demokrazija (DCP, Democracy Commission Programme)
C. Il-Patt għad-Demokrazija u l-Governanza (DGP, Democracy and Governance Pact)

## M.2

Skont din il-proposta, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom dwar l-oriġini tal-fondi u l-infiq fil-kuntest tar-reklamar politiku, il-pjattaformi online se jkollhom:

A. **Jagħtu informazzjoni dwar l-affiljazzjoni politika u dwar il-finanzjament tar-reklami.**
B. Jagħtu informazzjoni dwar l-affiljazzjoni politika u dwar il-finanzjament tar-reklami, iżda jekk il-kampanja tkun fil-livell nazzjonali biss.
C. Jagħtu informazzjoni dwar l-affiljazzjoni politika u dwar il-finanzjament tar-reklami, iżda jekk il-kampanja tkun fil-livell tal-UE biss.

## M.3

Meta se jsiru l-elezzjonijiet li jmiss għall-Parlament Ewropew?

- **Fl-2024.**

01.12.2021

# It-Tnedija tal-Global Gateway

## M.1

Il-Global Gateway, l-istrateġija Ewropea li tagħti spinta lil rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri madwar id-dinja, kemm hi mistennija tiġġenera f'investimenti?

A. € 100 biljun
B. € 200 biljun
**C. € 300 biljun**

*Il-portal Globali se jimmobilizza sa €300 biljun f'investimenti għall-iżvilupp tal-infrastruttura globali u għall-appoġġ tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali madwar id-dinja.

## M.2

L-inizjattiva innovattiva tal-Ħajt il-Kbir l-Aħdar, li tnediet fl-2007 mill-Unjoni Afrikana, għandha l-għan li treġġa' lura l-pajsaġġi degradati tal-kontinent u tittrasforma miljuni ta' ħajjiet fis-Saħel. Kemm se tolqot minn kosta għall-kosta (jiġifieri mill-Atlantiku fis-Senegal sal-Oċean Indjan fil-Djibouti):

A. 2 000 km
**B. 8 000 km**
C. 30 000 km

## M.3

Fejn infetaħ l-ewwel ċentru ta' trasferiment tat-teknoloġija tal-vaċċini mRNA?

**A. F'Cape Town, fl-Afrika t'Isfel**
B. F'Dakar, fis-Senegal
C. F'Abuja, fin-Niġerja

09.12.2021

# Preżentazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni biex jgħin l-ekonomija soċjali Ewropea tiffjorixxi

## M.1

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali huma entitajiet li fl-ewwel post iqiegħdu l-għanijiet soċjali u ambjentali, filwaqt li jerġgħu jinvestu l-biċċa l-kbira tal-profitt tagħhom fl-organizzazzjoni. Bejn wieħed u ieħor kemm hemm entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa?

A. 800 000
B. 1,8 miljun
**C. 2,8 miljun**

## M.2

Taf b’xi tip ta’ entità tal-ekonomija soċjali?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) kooperattivi, 2) soċjetajiet ta’ benefiċċju reċiproku, 3) assoċjazzjonijiet (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), 4) fondazzjonijiet jew 5) intrapriżi soċjali.**

## M.3

X’se jtejjeb il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali? Liema qasam jiġik f’moħħok?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-ambjent tan-negozju; 2) il-qafas ta’ politika u l-qafas legali; 2) l-opportunitajiet u l-bini tal-kapaċità: l-aċċess għall-finanzjament, appoġġ għat-tkabbir; 3) l-għarfien: it-tisħiħ tal-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali u l-promozzjoni tal-impatt pożittiv tagħha.**

09.12.2021

# Proposta biex id-diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda jitniżżlu bħala reati fl-UE

## M.1

Id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda huma reati partikolarment serji billi jimminaw il-valuri komuni u d-drittijiet fundamentali tal-UE. Tista' ssemmi wieħed mill-valuri tal-UE?

- **Il-valuri tal-UE huma minquxa fit-Trattat dwar l-UE (l-Artikolu 2) li jgħid: L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li huma parti minn minoranzi."**

## M.2

Ir-reati tal-UE huma reati partikolarment serji li jseħħu fl-UE u li għandhom impatt lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Din hija r-raġuni għaliex huma kriminalizzati fil-livell tal-UE u huma inklużi fit-Trattat tal-UE. Bħalissa hemm 10 reati ta' mibegħda fl-UE. Id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda għadhom mhumiex inklużi fil-lista. Tista' ssemmi wieħed mir-reati fl-UE li bħalissa huma inklużi fit-Trattat tal-UE?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) it-terroriżmu, 2) it-traffikar tal-bnedmin, 3) l-isfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, 4) it-traffikar illeċitu tad-droga, 5) it-traffikar illeċitu tal-armi, 6) il-ħasil tal-flus, 7) il-korruzzjoni, 8) l-iffalsifikar tal-mezzi ta' pagament, 9) il-kriminalità tal-informatika u 10) il-kriminalità organizzata.**

## M.3

Il-President von der Leyen meta ħabbret l-intenzjoni li testendi l-lista ta' reati tal-UE u tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda?

- **Fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020**

09.12.2021

# Proposta biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi diġitali

## M.1

Bejn wieħed u ieħor kemm-il persuna taħdem permezz tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-UE?

A. Aktar minn 8 miljuni
B. Aktar minn 18-il miljun
**C. Aktar minn 28 miljun**
*L-ekonomija tal-pjattaformi diġitali qed tikber b'pass mgħaġġel, u fl-2025 l-għadd tagħhom mistenni li jilħaq it-43 miljun persuna

## M.2

Kemm hemm pjattaformi tax-xogħol diġitali joperaw fl-UE?

A. Aktar minn 400
**B. Aktar minn 500**
C. Aktar minn 600

## M.3

Minn madwar 28 miljun persuna li jaħdmu permezz ta' pjattaformi fl-UE, bħalissa sa 5,5 miljun persuna jistgħu jiġu kklassifikati ħażin bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Tista' ssemmi benefiċċju wieħed li jistgħu jiksbu jekk jiġu kklassifikati bħala ħaddiema?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) ħin ta' mistrieħ garantit u vaganzi mħallsa; 2) protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa; 3) benefiċċji tal-qgħad, tal-mard u tal-kura tas-saħħa; 4) liv tal-ġenituri; 5) drittijiet għall-pensjoni; 6) benefiċċji relatati ma' inċidenti fuq ix-xogħol u ma' mard ikkaġunat mix-xogħol.**

14.12.2021

# Proposta għall-immodernizzar tas-sistemi tat-trasport tal-UE

## M.1

Kif nistgħu nimmodernizzaw is-sistema tat-trasport tal-UE?

- **Il-Kummissjoni pproponiet erba' azzjonijiet f'dan ir-rigward: 1) billi tiżdied il-konnettività u aktar passiġġieri u merkanzija jiġu trasferiti lejn il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni; 2) bl-introduzzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, infrastruttura alternattiva tar-riforniment, u teknoloġiji diġitali ġodda; 3) b'enfasi aktar qawwija fuq il-mobilità urbana sostenibbli, u 4) billi tagħmilha aktar faċli li jintgħażlu alternattivi differenti ta' trasport.**

## M.2

X'inhu t-TEN-T?

- **It-TEN-T huwa network ta' ferroviji, passaġġi tal-ilma interni, trasport marittimu fuq distanzi qosra, u toroq mifrux madwar l-UE.**

  *Dan jgħaqqad 424 belt ewlenija ma' portijiet, ajruporti u terminals ferrovjarji. Meta jitlesta t-TEN-T, dan se jnaqqas il-ħinijiet tal-ivvjaġġar bejn dawn l-ibliet. Pereżempju, il-passiġġieri se jkunu jistgħu jivvjaġġaw bejn Copenhagen u Hamburg f'sagħtejn u nofs bil-ferrovija, minflok l-erba' siegħat u nofs tal-lum.

## M.3

Kemm-il kilometru ta' ferroviji hemm fl-UE?

A. 101 000 km
**B. 201 000 km**
C. 301 000 km

(*Data* mill-2018, UE-27)

14.12.2021

# Proposta biex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-Żona ta' Schengen

## M.1

Tista' taħseb f'raġuni waħda għaliex iż-Żona Schengen trid issir aktar reżiljenti?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) biex tindirizza sfidi ġodda, bħat-theddid fuq is-saħħa pubblika; 2) biex tiżgura li kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tibqa' miżura aħħarija; 3) biex tibni fuq it-tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u tittejjeb il-koordinazzjoni f'każ ta' kriżi.**

## M.2

Rigward l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni f'każ ta' avvenimenti mhux previsti, liema limitu ta' żmien ipproponiet il-Kummissjoni?

A. 30 jum, li ma jistgħux jiġu estiżi
**B. 30 jum, li jistgħu jiġu estiżi sa tliet xhur**
C. 30 jum, li jistgħu jiġu estiżi sa sitt xhur

## M.3

Bejn wieħed u ieħor kemm-il persuna taqsam il-fruntieri interni fl-UE kuljum?

A. Madwar 1,5 miljun
B. Madwar 2,5 miljuni
**C. Madwar 3,5 miljuni**

15.12.2021

# Il-proposta għal qafas ġdid tal-UE biex tiddekarbonizza s-swieq tal-gass, tippromwovi l-idroġenu u tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan

## M.1

X'inhuma t-tliet sorsi ewlenin ta' emissjonijiet tal-metan ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa u madwar id-dinja?

- **L-agrikoltura, l-iskart u l-enerġija.**

## M.2

Ma' liema pajjiż l-UE nediet il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, li hija l-inizjattiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-metan?

**A. Mal-Istati Uniti**
B. Mal-Kanada
C. Mal-Ġappun

*Sa issa aktar minn 100 pajjiż issieħbu fl-inizjattiva.

## M.3

Kemm mit-tisħin globali attwali huwa dovut għall-emissjonijiet tal-metan?

A. 20 %
B. 25 %
**C. 30 %**

*Il-metan huwa t-tieni l-akbar kontributur għat-tibdil fil-klima wara d-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) u responsabbli għal madwar 30 % tat-tisħin globali attwali

01.01.2022

# 20 sena nużaw il karti tal-flus u l-muniti tal-euro

## M.1

Kemm-il pajjiż tal-UE kellhom il-munita tal-euro fl-ewwel jum tal-euro, l-1 ta' Jannar 2002?

**A. 12**
B. 13
C. 14

*Dawn kienu l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja.

## M.2

Liema pajjiż tal-UE se jkun l-aħħar wieħed li se jissieħeb fiż-Żona tal-Euro fl-1 ta' Jannar 2023?

A. Ir-Rumanija
B. Il-Bulgarija
**C. Il-Kroazja**

## M.3

Il-muniti tal-euro kemm il-denominazzjoni għandhom?

**A. 8**
B. 9
C. 10

*Tmien denominazzjonijiet differenti. 1, 2, 5, 10, 20 u 50 ċenteżmi, €1 u €2.

01.01.2022

# Il-bidu tas-
# Sena Ewropea taż-Żgħażagħ

## M.1

X'inhu isem l-inizjattiva li toffri liż-żgħażagħ ta' 18-il sena l-opportunità li jivvjaġġaw u jiskopru l-Ewropa, billi jagħtu pass tal-ivvjaġġar liż-żgħażagħ partikolari?

- **A. DiscoverEU**
- B. Interrail
- C. Erasmus

## M.2

Għaż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena, liema programm jista' jipprovdilhom finanzjament u appoġġ biex jieħdu sehem fi proġetti għal perjodu qasir jew twil sa 12-il xahar, li jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet, jew barra mill-pajjiż jew f'pajjiżhom stess?

- **A. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**
- B. ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve)
- C. Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE

## M.3

F'liema pajjiż tal-UE kien hemm l-ogħla sehem taż-żgħażagħ (persuni bejn iż-0 u d-29 sena) fl-2019?

- **A. Fl-Irlanda**
- B. F'Ċipru
- C. Fl-Iżvezja

*L-Irlanda kienet l-aktar Stat Membru żagħżugħ fl-UE-27, billi l-persuni ta' bejn iż-0 u d-29 sena ammontaw għal kważi erbgħa minn kull 10 abitant fil-bidu tal-2019 (39,0 %).

18.01.2022

# Inizjattivi ġodda li jħejju lill-universitajiet fl-UE għall-ġejjieni

## M.1

Kemm-il istituzzjoni edukattiva se tibbenefika mill-istrateġija Ewropea għall-universitajiet?

A. 250
**B. 500**
C. 750

*Sa nofs l-2024 il-baġit Ewropew se jappoġġa sa 60 Alleanza tal-Universitajiet Ewropej b'aktar minn 500 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa.

## M.2

L-Erasmus+, il-programm tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, kemm ilu jeżisti?

A. 25
**B. 35**
C. 45

*Fl-2022 jitfakkru l-35 sena tal-Erasmus, il-programm emblematiku tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport.

## M.3

Id-diversità, l-inklużività u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur tal-edukazzjoni għolja saru aktar importanti minn qatt qabel. X'inhu l-għadd tan-nisa fost il-kapijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-UE?

A. 19 %
B. 40 %
**C. 24 %**

08.02.2022

# Proposta għall-Att Ewropew dwar iċ-ċipep

## M.1

X'inhu bejn wieħed u ieħor is-sehem tal-UE fis-suq globali tal-mikroċipep?

**A. 10 %**
B. 20 %
C. 30 %

*It-tweġiba hija10 %. Bl-att tal-UE dwar iċ-ċipep, il-pjan huwa li sal-2030 jiġi stabbilit qafas biex il-kapaċità tal-produzzjoni tiżdied għal 20 % tas-suq globali.

## M.2

L-Att dwar iċ-Ċipep kemm se jimmobilizza flus biex jindirizza l-iskarsezzi tas-semikondutturi u jsaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa?

A. Aktar minn € 23 biljun
B. Aktar minn € 33 biljun
**C. Aktar minn € 43 biljun**

*L-att dwar iċ-ċipep se jimmobilizza €43 biljun għal investimenti pubbliċi u privati u jistabbilixxi miżuri għat-tħejjija, l-antiċipazzjoni u r-rispons rapidu għal kwalunkwe tfixkil tal-ktajjen tal-provvista fil-futur, flimkien mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali tagħna.

## M.3

Tista' ssemmi prodott jew servizz wieħed fejn jintużaw mikroċipep semikondutturi?

- **Iċ-ċipep tas-semikondutturi huma l-elementi kostitwenti essenzjali ta' prodotti diġitali u diġitalizzati. Mill-ismartphones u l-karozzi, għal applikazzjonijiet u infrastrutturi kritiċi għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, il-mobilità, il-komunikazzjoni u l-industrija, iċ-ċipep huma ċentrali għall-ekonomija diġitali moderna. Dawn huma kruċjali wkoll għal teknoloġiji diġitali ewlenin tal-futur, inklużi l-intelliġenza artifiċjali (IA), il-5G u l-edge computing. Fi ftit kliem, ma hemm l-ebda qasam "diġitali" mingħajr iċ-ċipep.**

15.02.2022

# Preżentazzjoni tal-pakkett Ewropew għad-Difiża

## M.1

X'inhu l-baġit tal-Fond Ewropew għad-Difiża?

A. € 7 biljun
**B. € 8 biljun**
C. € 9 biljun

*Qrib it-€8 biljun għall-2021-2027 u huwa ddedikat għall-Fond Ewropew għad-Difiża. €2,7 biljun għall-finanzjament tar-riċerka kollaborattiva fil-qasam tad-difiża u €5,3 biljun għall-finanzjament ta' proġetti kollaborattivi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet li jikkomplementaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

## M.2

Fi Frar 2022 il-Kummissjoni ppreżentat għadd ta' azzjonijiet kritiċi għad-difiża u s-sigurtà fl-Unjoni Ewropea kif ukoll għal suq Ewropew tad-difiża aktar integrat u kompetittiv. Liema minn dawn li ġejjin **mhijiex** proposta tal-Kummissjoni?

**A. It-tnaqqis tal-investimenti għar-riċerka fis-settur tad-difiża u l-kapaċitajiet żviluppati f'oqfsa ta' kooperazzjoni tal-UE.**
B. L-inċentivar tal-akkwist konġunt tal-kapaċitajiet ta' difiża żviluppati b'mod kollaborattiv fl-UE.
C. It-tisħiħ tad-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-ispazju fil-livell tal-UE.

## M.3

X'ikunu l-vantaġġi tal-akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża? Jiġik xi wieħed f'moħħok?

- **Il-vantaġġi huma, pereżempju: 1) iż-żieda fl-interoperabbiltà tal-forzi armati nazzjonali Ewropej; 2) appoġġ għall-kompetittività tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-UE.**

23.02.2022

# Proposta għal att ġdid dwar id-*data*

## M.1

Permezz tal-att il-ġdid dwar id-*data*, il-Kummissjoni qed tipproponi regoli ġodda dwar min jista' juża u jaċċessa d-*data* ġġenerata fl-UE fis-setturi ekonomiċi kollha. X'taħseb li jistgħu jkunu l-benefiċċji potenzjali tal-att il-ġdid dwar id-*data*?

- **L-att dwar id-*data* se jiżgura l-ġustizzja fl-ambjent diġitali, se jistimula suq tad-*data* kompetittiv, se jagħti opportunitajiet għal innovazzjoni mmexxija mid-*data*, u se jagħmel id-*data* iktar aċċessibbli għal kulħadd. Dan se jagħti kemm lill-individwi kif ukoll lin-negozji aktar kontroll fuq id-*data* tagħhom permezz ta' dritt imsaħħaħ għall-portabbiltà tad-*data*, li jikkupjaw jew jittrasferixxu d-*data* faċilment minn servizzi differenti, fejn id-*data* tiġi ġġenerata permezz ta' oġġetti, makkinarji u apparati intelliġenti. Se jkun aktar faċli li d-*data* tiġi trasferita lill-fornituri ta' servizzi u bejniethom, u dan se jħeġġeġ aktar atturi, inkluż l-SMEs, biex jipparteċipaw fl-ekonomija tad-*data*.**

## M.2

Ir-regoli l-ġodda dwar id-*data* mistennija joħolqu riżorsi addizzjonali fil-PDG għall-Istati Membri tal-UE sal-2028 billi jindirizzaw il-kwistjonijiet legali, ekonomiċi u tekniċi li jwasslu biex id-*data* ma tintużax biżżejjed. Bejn wieħed u ieħor kemm se tkun din iż-żieda?

A. € 70 biljun
B. € 170 biljun
**C. € 270 biljun**

## M.3

It-teknoloġija tista', pereżempju, tgħin lill-bdiewa jtejbu u jżidu r-rendiment, itejbu l-ippjanar tal-azjendi agrikoli u jieħdu deċiżjonijiet aktar intelliġenti dwar ir-riżorsi u jnaqqsu l-kostijiet. Din tissejjaħ "biedja ta' preċiżjoni" jew "agrikoltura ta' preċiżjoni". X'tip ta' *data* tista' tgħin tkun ta' għajnuna f'dan il-każ?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) *data* f'ħin reali dwar it-temp, it-temperatura, l-umdità, 2) sinjali tal-GPS, 3) *data* dwar il-ħamrija, 4) *data* dwar il-ħtiġijiet tal-pjanti eċċ.**

25.02.2022

# L-adozzjoni tal-ewwel pakkett ta' sanzjonijiet wara l-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna

## M.1

Miżuri restrittivi jew "sanzjonijiet" huma għodda essenzjali ta' liema politika tal-UE?

A. Il-Politika dwar l-iżvilupp
**B. Il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni**
C. Il-Politika tal-Viċinat

## M.2

L-UE minn mindu bdiet tadotta miżuri restrittivi kontra r-Russja fuq l-Ukrajna?

**A. Mill-2014 'l hawn**
B. Mill-2004 'l hawn
C. Mill-2022 'l hawn

*Minn Marzu 2014, l-UE imponiet progressivament miżuri restrittivi fuq ir-Russja b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea.

## M.3

Waħda mis-sanzjonijiet kontra individwi tikkonsisti fl-iffriżar tal-assi. Dan xi jfisser?

- **Iffriżar tal-assi: il-kontijiet kollha li jappartjenu għall-persuni u l-entitajiet elenkati fil-banek tal-UE huma ffriżati, li jfisser li huwa pprojbit li l-fondi jew l-assi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom direttament jew indirettament. Dan jiżgura li flushom ma jkunux jistgħu jibqgħu jintużaw biex jappoġġaw ir-reġim Russu u lanqas ma jistgħu jippruvaw isibu kenn sikur fl-UE.**

02.03.2022

# L-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għal persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna

## M.1

X'inhi d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja?

- **Il-protezzjoni temporanja hija miżura eċċezzjonali biex tingħata protezzjoni immedjata u temporanja fil-każ ta' għadd kbir ta' wasliet jew wasliet imminenti ta' persuni spostati minn pajjiżi mhux tal-UE li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.**

## M.2

Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġiet adottata wara l-kunflitti f'dik li kienet il-Jugoslavja. Iżda din id-Direttiva meta ntużat għall-ewwel darba?

- **Id-Direttiva ġiet attivata għall-ewwel darba f'Marzu 2022 b'reazzjoni għall-gwerra fl-Ukrajna.**

## M.3

Semmi dritt wieħed li l-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja huma intitolati għalih.

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) permess ta' residenza għat-tul kollu tal-protezzjoni, 2) aċċess għall-assistenza soċjali, għall-kura medika, għall-edukazzjoni, għall-akkomodazzjoni jew għall-abitazzjoni, għas-servizzi bankarji, għall-proċedura tal-ażil, għall-informazzjoni dwar il-protezzjoni temporanja, 3) għall-aċċess għall-impjieg (*suġġett għal kundizzjonijiet), 4) għall-moviment liberu (għal 90 jum f'perjodu ta' 180 jum wara li jinħareġ permess ta' residenza fil-pajjiż ospitanti tal-UE), 5) għat-trasferiment lejn pajjiż ieħor tal-UE (qabel il-ħruġ ta' permess ta' residenza), 6) għall-opportunitajiet għall-familji biex jerġgħu jingħaqdu f'ċerti ċirkostanzi.**

08.03.2022

# Proposta għal regoli għall-UE kollha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika

## M.1

B'regoli għall-UE kollha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, il-Kummissjoni, fost affarijiet oħra, għandha l-għan li tikkriminalizza l-vjolenza ċibernetika, inkluż is-cyberstalking u l-fastidju online. Taf x'ikopru dawn it-tliet reati?

- Is-cyberstalking huwa forma moderna ta' vjolenza li ta' sikwit titwettaq kontra membri tal-familja jew persuni li jgħixu fl-istess unità domestika, iżda titwettaq ukoll minn ex-sħab jew konoxxenzi. Tipikament, il-predatur qed juża t-teknoloġija b'mod ħażin biex jeżerċita koerċizzjoni jew kontroll, manipulazzjoni u sorveljanza, u b'hekk iżid il-biża', l-ansjetà u l-iżolament gradwali mill-ħbieb u l-familja tal-vittma.
- Il-fastidju online ikopri attakki, bħal theddid, insulti jew imġiba offensiva oħra, kontra individwi, b'mod partikolari nisa u bniet, li tipikament iseħħu permezz tal-media soċjali jew servizzi online oħra.
- **Il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi jew manipulati hija forma moderna** oħra ta' vjolenza li tikkonsisti li r-ritratti, il-vidjos, jew materjal intimu ieħor ta' persuna li oħra jsiru aċċessibbli permezz ta' mezzi tal-ICT (pereż. networks soċjali, mowbajls), mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna jew, qabel ma jsir dan, il-manipulazzjoni ta' immaġnijiet intimi biex persuna oħra tidher li tkun involuta f'attivitajiet sesswali ("deepfake").

## M.2

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika hija l-punt ta' riferiment għal standards internazzjonali f'dan il-qasam. X'inhuwa l-isem l-ieħor li bih hija magħrifa din il-Konvenzjoni?

A. Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra
**B. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul**
C. Il-Konvenzjoni ta' Chicago

## M.3

Kemm-il mara (f'punti perċentwali) fl-UE esperjenzaw fastidju sesswali?

**A. 50% - mara minn kull tnejn**
B. 38 %
C. 29 %

21.03.2022

# Ftehim dwar il-Boxxla Strateġika

## M.1

Il-Boxxla Strateġika għal liema qasam ta' politika ġiet żviluppata?

A. Il-kompetizzjoni
B. Il-politika reġjonali
**C. Is-sigurtà u difiża**
*Il-Boxxla Strateġika tagħti lill-Unjoni Ewropea pjan ta' azzjoni ambizzjuż għat-tisħiħ tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE sal-2030.

## M.2

Liema huma l-erba' pilastri tal-Boxxla Strateġika, l-azzjoni komuni tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża?

**A. L-azzjoni, l-investiment, is-sħab u s-sigurtà**
B. L-analiżi, il-valutazzjoni, l-involviment u t-twettiq
C. Il-bini, l-ittestjar, it-titjib u l-użu

## M.3

X'inhi l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE (EU RDC)?

A. 5 000 dron tal-kamera biex jittieħdu ritratti u filmati.
**B. 5 000 suldat li jistgħu jintbagħtu biex jirrispondu għal theddid imminenti u jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.**
C. 5 000 kit tal-ewwel għajnuna li jistgħu jintużaw f'ċertu pajjiż fl-UE.

23.03.2022

# Il-preżentazzjoni ta' miżuri li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel globali

## M.1

Meta rajna ż-żieda fil-prezzijiet globali tal-prodotti bażiċi, li ġiet aċċellerata aktar bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, x'għamlet il-Kummissjoni Ewropea?

**Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat firxa ta' azzjonijiet fuq terminu qasir u medju biex tissaħħaħ is-sigurtà globali tal-ikel u biex jiġu appoġġati l-bdiewa u l-konsumaturi fl-UE. Dan huwa pereżempju:**

- **Għajnuna biex iċ-ċereali jinħarġu mill-Ukrajna;**
- **Appoġġ għall-bdiewa tal-UE u l-popolazzjonijiet vulnerabbli;**
- **It-tisħiħ tal-produzzjoni tal-ikel tagħna**
- **It-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-ikel;**
- **Issir fornitur ewlieni ta' assistenza umanitarja u għall-iżvilupp fir-rigward tal-ikel u tas-sistemi tal-ikel;**
- **Il-ħolqien ta' pjanijiet ta' kontinġenza għall-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel.**

## M.2

L-UE qed tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fuq bażi globali. L-UE f'kemm-il pajjiż qed tippjana li tappoġġa s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel?

A. 65
**B. 70**
C. 75

*Fil-programm tal-2021-27 għall-kooperazzjoni internazzjonali, l-UE se taħdem biex tiżviluppa s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel ma' madwar 70 pajjiż sieħeb. Barra dan, fis-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir li sar f'Tokjo f'Diċembru 2021, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jkomplu jindirizzaw il-malnutrizzjoni b'wedgħa sostanzjali ta' €4,3 biljun, li jinkludu mill-inqas €2,5 biljun mill-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali bl-objettiv tan-nutrizzjoni fil-perjodu 2021-2024.

## M.3

Waħda mill-miri konkreti għat-trasformazzjoni tas-sistema tal-ikel tal-UE hija l-Istrateġija tal-UE "Mill-Għalqa sal-Platt". L-użu u r-riskju tal-pestiċidi b'kemm se jitnaqqsu permezz ta' din l-Istrateġija sal-2030?

A. B'25 %
B. B'40 %
**C. B'50 %**

23.03.2022

# Il-preżentazzjoni ta' għażliet biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija permezz tax-xiri komuni tal-gass u b'obbligi ta' ħżin minimu ta' gass.

## M.1

F'Marzu 2022 il-Kummissjoni ddeskriviet l-għażliet biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija permezz tax-xiri komuni tal-gass u b'obbligi ta' ħżin minimu ta' gass. X'inhu l-livell minimu tal-ħżin tal-gass għax-xitwa li jmiss (2022–2023)?

A. 70 %
**B. 80 %**
C. 90 %

## M.2

Kif taħdem fil-prattika s-"solidarjetà Ewropea għall-ħżin tal-gass"?

- **Filwaqt li mhux l-Istati Membri kollha għandhom faċilità tal-ħżin fit-territorji tagħhom, jenħtieġ li jkun hemm riżerva minima għall-ħżin tal-gass li għandu jkollhom aċċess għaliha fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ta' ħżin se jkollhom jiżguraw li l-operaturi fit-territorju tagħhom ikollhom ħażna sikura fi Stat Membru ġar li jkopri 15 % tal-konsum annwali tal-gass tagħhom. Inkella, l-Istati Membri mingħajr kapaċità ta' ħżin jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-piżijiet.**

## M.3

73 % tal-kapaċità totali tal-ħżin tal-gass tal-UE hija kkonċentrata f'ħames Stati Membri. Liema huma?

**A. Il-Ġermanja, l-Italja, Franza, in-Netherlands u l-Awstrija**
B. Il-Polonja, l-Italja, l-Awstrija, il-Kroazja u l-Ungerija
C. L-Iżvezja, il-Belġju, Franza, il-Greċja u l-Latvja

30.03.2022

# Proposta għal regoli ġodda fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari, biex il-prodotti sostenibbli jsiru n-norma fl-UE

## M.1

L-UE miexja lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari, ibbażat fuq prodotti aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Kif taħseb li dan se jibbenefikak bħala konsumatur?

- **Dawn jistgħu jkunu, pereżempju: 1) prodotti li jservu iżjed; 2) iffrankar tal-enerġija, tar-riżorsi u tal-kostijiet; 3) aktar informazzjoni biex tkun tista' tagħmel għażliet sostenibbli**

## M.2

Il-Kummissjoni pproponiet li taġġorna r-regoli tal-konsumatur tal-UE biex tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent meta jixtru l-prodotti tagħhom. Liema minn din l-informazzjoni li ġejja se jkunu obbligati jipprovdu lill-konsumaturi?

A. Informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti
**B. Informazzjoni dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti**
C. Informazzjoni dwar l-ekodisinn u l-impronta klimatika tal-prodotti

## M.3

Kemm jintremew tessuti kull sena fl-UE?

A. Madwar 3 kg għal kull persuna
B. Madwar 6 kg għal kull persuna
**C. Madwar 11 kg għal kull persuna**

09.04.2022

# L-"iStand Up for Ukraine" avveniment ta' wegħdiet ta' donazzjonijiet

## M.1

F'April 2022, l-avveniment u l-kampanja globali b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet "Stand Up for Ukraine" ġabret aktar minn €10 biljun għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni Russa. Fejn seħħ l-avveniment?

A. Brussell
**B. Varsavja**
C. Bratislava

## M.2

Ma' liema pajjiż it-tim tal-Kummissjoni Ewropea organizza l-kampanja globali ta' wegħdiet ta' donazzjonijiet "Stand Up for Ukraine"?

A. Mal-Istati Uniti
**B. Mal-Kanada**
C. Mal-Awstralja

## M.3

Id-donaturi kemm iġġeneraw fondi matul l-avveniment b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet "Stand Up for Ukraine"?

A. Aktar minn € 1 biljun
B. Aktar minn € 5 biljun
**C. Aktar minn € 10 biljun**

*Il-kampanja u l-avveniment globali b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet "Stand Up for Ukraine" (Solidarjetà mal-Ukrajna) ġabret €9,1 biljun għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni Russa, fl-Ukrajna u lil hinn minnha, fosthom €1 biljun mill-Kummissjoni Ewropea. Apparti minn hekk, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ħabbar €1 biljun oħra f'self biex jiġu koperti l-ħtiġijiet tan-nies li sfaw vittmi ta' spostament intern.

09.04.2022

# L-immarkar ta' 30 sena ta' għajnuna umanitarja u operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili

## M.1

Hemm erba' prinċipji li jiggwidaw l-azzjoni umanitarja tal-UE. Jiġik xi wieħed f'moħħok?

- **L-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.**

## M.2

Kwalunkwe pajjiż fid-dinja, iżda wkoll in-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha jew organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, jistgħu jitolbu l-għajnuna mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. Fl-2021, il-Mekkaniżmu ġie attivat 114-il darba. Pereżempju, bħala rispons għal (i) COVID-19 fl-Ewropa u madwar id-dinja; (ii) għargħar fil-Belġju; (iii) nirien fil-foresti fil-Mediterran, fil-Balkani tal-Punent u fl-Awstrija; (iv) ripatrijazzjonijiet mill-Afganistan, u (v) it-terremot u uragan f'Haiti. X'kienet l-akbar operazzjoni li qatt saret sa issa?

- **L-aggressjoni tar-Russja fuq l-Ukrajna skattat l-akbar operazzjoni ta' emerġenza minn mindu nħoloq il-Mekkaniżmu.**

## M.3

Il-ħtiġijiet umanitarji żdiedu b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar snin, xprunati mill-COVID-19 u l-klima. Kemm-il persuna kienet teħtieġ għajnuna umanitarja fl-2021 skont stimi min-Nazzjonijiet Uniti?

A. 150 miljun
B. 430 miljun
**C. 235 miljun**

27.04.2022

# Proposta għal politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali

## M.1

Sal-2070 x'se jkun is-sehem tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fil-popolazzjoni totali tal-UE?

A. Madwar 45 %
**B. Madwar 55 %**
C. Madwar 65 %

## M.2

Liema setturi s-suq tax-xogħol tal-UE qed jesperjenza nuqqasijiet?

- **Fost l-oħrajn fit-turiżmu, l-ospitalità, l-IT u s-saħħa**

## M.3

Għaliex l-UE teħtieġ migrazzjoni legali?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-ekonomija tal-UE; 2) biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE; 3) biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi; 4) it-tħejjija għall-ħtiġijiet futuri; 5) biex jiġu attirati persuni b'talent/tas-sengħa; 6) biex jinħolqu kanali sikuri biex tintlaħaq l-Ewropa; 7) bħala akkumpanjament għat-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ekoloġika u diġitali.**

03.05.2022

# It-tnedija tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa

## M.1

L-ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa huwa l-ewwel spazju komuni tad-*data* tal-UE f'qasam speċifiku li joriġina mill-istrateġija tal-UE għad-*data*. F'liema oqsma oħra qed jiġu ppjanati spazji tad-*data*? Tista' ssemmi wieħed?

- **L-istrateġija Ewropea għad-*data* ta' Frar 2020 ħabbret il-ħolqien ta' spazji tad-*data* f'10 oqsma strateġiċi: fis-saħħa, fl-agrikoltura, fil-manifattura, fl-enerġija, fil-mobilità, fil-finanzi, fl-amministrazzjoni pubblika, fil-ħiliet, fil-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa u l-prijorità trażversali ewlenija li jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.**

## M.2

Tista' taħseb f'benefiċċju wieħed għalik li jirriżulta mill-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa?

- **Ikollok aċċess għad-*data* tiegħek dwar is-saħħa f'forma elettronika immedjatament u mingħajr ebda spiża**
- **Se tkun tista' tikkondividi d-*data* tiegħek ma' professjonisti tas-saħħa f'livell nazzjonali jew transfruntier.**
- **Se tkun tista' żżid informazzjoni, tikkoreġi l-iżbalji, tillimita l-aċċess u tikseb informazzjoni dwar kif tintuża d-*data* tiegħek.**
- **Se jkollok id-dritt għad-*data* dwar is-saħħa maħruġa u aċċettata, f'format Ewropew komuni.**

## M.3

X'impatt se jkollu l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa għat-tobba u professjonisti oħra tas-saħħa? Tista' taħseb f'xi eżempju?

- **Dawn se jkollhom aċċess aktar rapidu għar-rekords tas-saħħa tal-pazjent, inkluż fruntiera u oħra.**
- **Permezz ta' aċċess aktar faċli u aktar rapidu għal *data* rilevanti dwar is-saħħa, il-professjonisti tas-saħħa se jkunu jistgħu jtejbu l-kontinwità tal-kura.**
- **Se jkunu jistgħu jaċċessaw id-*data* dwar is-saħħa minn sorsi differenti b'mod aktar faċli, u b'hekk jevitaw il-piż amministrattiv għax ma jkollhomx jikkupjaw ir-rekords manwalment f'sistemi differenti.**

09.05.2022

# Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tikkonkludi l-ħidma tagħha.

## M.1

Bejn wieħed u ieħor taf kemm-il proposta tfasslu miċ-ċittadini Ewropej matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa?

A. 29
**B. 49**
C. 69

Waqt iċ-ċerimonja tal-għeluq fi Strasburgu, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill irċevew rapport finali mill-parteċipanti tal-Konferenza b'49 proposta li jvarjaw ħafna f'dak li jittrattaw u li huma ambizzjużi u innovattivi kif ukoll 326 miżura individwali.

## M.2

X'kienu s-suġġetti li ġew diskussi mċ-ċittadini matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa? Tista' ssemmi wieħed?

- **Kien hemm disa' suġġetti ewlenin: 1) ekonomija aktar b'saħħitha, il-ġustizzja soċjali u l-impjiegi; 2) l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport; 3) it-trasformazzjoni diġitali; 4) id-demokrazija Ewropea; 5) il-valuri u d-drittijiet, l-istat tad-dritt, is-sigurtà; 6) it-ibdil fil-klima, l-ambjent; 7) is-saħħa; 8) l-UE fid-dinja; u 9) il-migrazzjoni.**

## M.3

Tliet mexxejja tal-UE ffirmaw id-Dikjarazzjoni Konġunta f'Marzu 2021 li wittiet it-triq biex tibda l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Min kienu?

- **Id-dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ġiet iffirmata mill-ex President tal-Parlament Ewropew David Sassoli, mill-Prim Ministru Portugiż António Costa, f'isem il-Kunsill tal-UE, u mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen.**

11.05.2022

# Proposta ta' leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

## M.1

Fl-2010, saru 23 000 rapport ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-UE. Kemm kien hemm bejn wieħed u ieħor fl-2020?

A. Aktar minn 250 000

B. Aktar minn 500 000

**C. Aktar minn miljun**

*F'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda kbira fir-rapporti ta' abbuż sesswali. F'ħafna każijiet, l-abbuż joħroġ fid-dieher biss meta l-azzjonijiet tal-awturi tar-reati jiġu identifikati online. Il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni ġdida tal-UE biex tappoġġa lill-fornituri tas-servizzi online biex jidentifikaw, jirrapportaw u jipprevjenu każijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online b'mod aktar effiċjenti.

## M.2

L-UE pproponiet leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online Ir-regoli l-ġodda għal min japplikaw?

- **Ir-regoli proposti se japplikaw għall-fornituri tas-servizzi online li joffru servizzi fl-UE, jiġifieri servizzi tal-hosting u servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali (bħal servizzi ta' messaġġi), ħwienet tal-apps u fornituri tal-aċċess għall-internet.**

## M.3

Id-drittijiet tat-tfal huma minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Tista' ssemmi dritt wieħed li t-tfal huma intitolati għalih?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) d-dritt għall-ħajja; 2) id-dritt għal isem u nazzjonalità; 3) id-dritt għall-identità; 4) in-nondiskriminazzjoni; 5) id-dritt għal familja; 6) is-saħħa; 7) il-protezzjoni mill-ħsara; 8) l-edukazzjoni; 9) il-libertà tal-ħsieb; 10) l-aċċess għal informazzjoni.**

18.05.2022

# Preżentazzjoni tal-pjan REPowerEU

## M.1

Tista' tissuġġerixxi mod wieħed kif nistgħu nnaqqsu l-konsum tal-enerġija f'ħajjitna ta' kuljum?

- **Hemm ħafna modi kif dan jista' jsir. Pereżempju: 1) it-tnaqqis tas-sħana/tat-temperaturi jew it-tnaqqis fl-użu tal-arja kundizzjonata; 2) sewqan aktar ekonomiku; 3) qalba lejn it-trasport pubbliku u l-mobilità attiva; 4) l-użu ta' apparat domestiku b'mod aktar effiċjenti.**

## M.2

X'inhuma xi wħud mill-miżuri għal terminu qasir li ġew issuġġeriti mill-UE fil-pjan REPowerEU tagħha biex intemmu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi? Tista' ssemmi wieħed?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-iffrankar tal-enerġija; 2) ix-xiri komuni ta' gass, LNG u idroġenu; 3) sħubijiet ġodda fl-enerġija ma' fornituri affidabbli; 4) it-tnedija rapida ta' proġetti tal-enerġija mix-xemx u mir-riħ 5) iż-żieda fil-produzzjoni tal-bijometan; 5) il-mili tad-depożiti tal-ħżin tal-gass, sa 80 % tal-kapaċità, sal-1 ta' Novembru 2022**

## M.3

Il-Kummissjoni ffirmat memorandum ta' qbil trilaterali f'Ġunju 2022 biex tiżgura l-esportazzjoni tal-gass naturali lejn l-Ewropa. Ma' liema pajjiżi?

**A. Mal-Eġittu u l-Iżrael**
B. Man-Norveġja
C. Mal-Alġerija

18.05.2022

# Analiżi tad-diskrepanzi fl-investiment fid-difiża u proposti ta' miżuri ulterjuri biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża tal-Ewropa

## M.1

X'inhuma d-diskrepanzi ewlenin fl-investiment fid-difiża fl-UE? Tista' ssemmi waħda?

- **Dawn huma: infiq fid-difiża, diskrepanzi fl-industrija tad-difiża u diskrepanzi fil-kapaċitajiet tad-difiża.**

## M.2

Il-Kummissjoni pproponiet strument apposta għal terminu qasir li jinċentiva lill-Istati Membri li huma lesti li jsegwu akkwist konġunt biex jimlew il-lakuni l-aktar urġenti u kritiċi b'mod kollaborattiv. Il-Kummissjoni kemm hija lesta li tinvesti f'din l-iskema?

A. €250 miljun
**B. € 500 miljun**
C. € 750 miljun

## M.3

Fl-2020, kemm nefqu l-Istati Membri tal-UE b'mod kollettiv fuq id-difiża?

A. € 50 biljun
B. € 100 biljun
**C. € 200 biljun**

* Nefqu aktar minn €200 biljun. Fl-2021, in-nefqa kkombinata tagħhom hija stmata li żdiedet għal €220 biljun.

18.05.2022

# L-iżvelar ta' sħubija Strateġika mal-Istati tal-Golf

## M.1

Liema pajjiż mhuwiex membru tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf?

A. Il-Bahrain
**B. Il-Ġordan**
C. Il-Kuwajt

## M.2

Meta ġie ffirmat il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf?

A. fl-1988
**B. fl-1989**
C. fl-1990

## M.3

Tista' ssemmi qasam wieħed kopert mis-sħubija tal-UE mal-Golf?

- **Is-sħubija tkopri diversi oqsma, pereżempju: il-kummerċ u l-investiment, it-trasport, l-enerġija, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ispazju, it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sigurtà reġjonali, l-għajnuna umanitarja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.**

23.05.2022

# Adozzjoni ta' pjan ta' kontinġenza għat-trasport, b'miżuri għall-protezzjoni tat-trasport tal-UE fi żminijiet ta' kriżi

## M.1

Xi jfisser l-akronimu EASA?

A. Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Awtonomija Strateġika (European Action Plan for Strategic Autonomy)

B. Assoċjazzjoni Ewropea għall-Agrikoltura Sostenibbli (European Association for Sustainable Agriculture)

**C. Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (European Union Aviation Safety Agency)**

*L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija aġenzija tal-UE responsabbli mis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili. L-għan tagħha huwa li tikseb l-ogħla standards komuni ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali fl-avjazzjoni ċivili u li tiżgura li jkollok l-aktar titjira sikura possibbli.

## M.2

Il-Kummissjoni ilha taħdem fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza tat-trasport tal-UE fi żminijiet ta' kriżi. Il-pjan ta' Kontinġenza għat-trasport li pproponiet jislet tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u jqis l-isfidi li s-settur tat-trasport tal-UE ilu jiffaċċja mill-bidu tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fih 10 miżuri ewlenin. Tista' ssemmi waħda?

- **It-tweġibiet possibbli huma: 1) l-adattament tal-liġijiet tal-UE dwar it-trasport għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi; 2) l-iżgurar tal-appoġġ adegwat għas-settur tat-trasport; 3) l-iżgurar tal-moviment liberu kontinwu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-**

**persuni; 4) il-ġestjoni tal-flussi tar-refuġjati u r-ripatrijazzjoni tal-passiġġieri u ħaddiema tat-trasport blokkati; 5) l-iżgurar tal-konnettività minima u tal-protezzjoni tal-passiġġieri; 6) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-trasport; 7) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika tat-trasport; 8) it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà; 9) l-ittestjar tal-kontinġenza tat-trasport; 10) il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali.**

## M.3

X'inhuma l-korsiji ħodor?

A. Korsiji u pontijiet għall-annimali biex jaqsmu l-awtostradi b'mod sikur fl-UE.

B. Korsiji għat-trasport tal-vaċċini kontra l-COVID-19 lejn il-pajjiżi kollha tal-UE.

**C. Qsim tal-fruntieri li jiżgura l-fluss kontinwu tal-merkanzija.**

23.05.2022

# Proposta ta' regoli dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi u dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' assi ta' persuni li jiksru miżuri restrittivi u kriminali oħra

## M.1

F'Marzu 2022 l-UE waqqfet task force biex tikkoordina l-infurzar tas-sanzjonijiet kontra l-oligarki Russi u Belarussi. X'inhu l-isem ta' dik it-task force?

A. It-Task Force ''Confiscate and dispose"
B. It-task force "Trace and freeze"
**C. It-task force "freeze and seize"**

## M.2

Sa issa Kemm-il persuna ġew issanzjonati mill-UE (sa Lulju 2022) għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna?

A. 905
**B. 1212**
C. 1342

## M.3

Bħala parti mis-sanzjonijiet ekonomiċi, l-UE imponiet fuq ir-Russja għadd ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Liema oġġetti ma jistgħux jiġu esportati lejn ir-Russja mill-UE? Jiġik xi wieħed f'moħħok?

**Il-lista ta' prodotti sanzjonati tinkludi fost l-oħrajn:**

- **teknoloġija mill-aktar avvanzata (pereż. kompjuters kwantistiċi u semikondutturi avvanzati, elettronika u software ta' livell għoli)**
- **ċerti tipi ta' makkinarju u tagħmir tat-trasport**
- **oġġetti u teknoloġija speċifiċi meħtieġa għar-raffinar taż-żejt**
- **tagħmir, teknoloġija u servizzi tal-industrija tal-enerġija**
- **oġġetti u teknoloġija tal-industrija tal-avjazzjoni u tal-ispazju (pereż. inġenji tal-ajru, spare parts jew kwalunkwe tip ta' tagħmir għall-ajruplani u l-ħelikopters, fjuwil tal-ġettijiet)**
- **oġġetti tan-navigazzjoni marittima u teknoloġija tal-komunikazzjoni bir-radju**
- **għadd ta' oġġetti b'użu doppju (oġġetti li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari), bħal droni u software għal drones jew apparati kriptografiċi**
- **oġġetti ta' lussu (pereż. karozzi ta' lussu, arloġġi tal-idejn, ġojjellerija)**

07.06.2022

# Ftehim politiku dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji

## M.1

Liema espressjoni spiss tintuża bħala metafora biex jingħeleb l-ostaklu inviżibbli li jipprevjeni lin-nisa milli jitilgħu għal pożizzjonijiet għolja?

A. Ħolm mhux mwettaq
**B. Inkissru s-saqaf tal-ħġieġ**
C. Nibdlu t-tradizzjoni

## M.2

Terz biss tal-membri tal-bordijiet korporattivi mhux eżekuttivi huma nisa u dan huwa saħansitra inqas fost il-bordijiet eżekuttivi. Il-proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi tistabbilixxi mira għall-kumpaniji tal-UE elenkati fil-boroż tal-UE biex jaċċelleraw l-ilħuq ta' bilanċ aħjar bejn il-ġeneri. X'inhi l-mira?

A. 50 % tas-sess sottorappreżentat fost id-diretturi mhux eżekuttivi u 43 % fost id-diretturi kollha
B. 45 % tas-sess sottorappreżentat fost id-diretturi mhux eżekuttivi u 38 % fost id-diretturi kollha
**C. 40 % tas-sess sottorappreżentat fost id-diretturi mhux eżekuttivi u 33 % fost id-diretturi kollha**

## M.3

Il-Kummissjoni Ewropea sa meta qed tipprova tilħaq il-parità bejn il-ġeneri (50 %) fil-livelli kollha tal-maniġment tagħha stess?

A. Sal-aħħar tal-2023
**B. Sal-aħħar tal-2024**
C. Sal-aħħar tal-2025

16.06.2022

# Il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-diżinformazzjoni jissaħħaħ u jsir aktar komprensiv

## M.1

Il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-diżinformazzjoni japplika għal...?

A. **Pjattaformi online, kumpaniji tat-teknoloġija ewlenin u atturi ewlenin tas-settur tar-reklamar li ffirmawh**
B. Utenti
C. Aġenziji tal-infurzar tal-liġi

## M.2

Liema minn dawn li ġejjin mhijiex firmatarja tal-Kodiċi ta' Prattika msaħħaħ tal-UE dwar id-diżinformazzjoni?

A. Clubhouse
B. TikTok
**C. Weibo**

## M.3

Kif tiġi definita tipikament id-diżinformazzjoni?

A. Stejjer foloz li jidhru li huma aħbarijiet, mifruxa fuq l-internet jew bl-użu ta' media oħra, li normalment jinħolqu biex jinfluwenzaw il-fehmiet politiċi jew bħala ċajta.
B. Kontenut falz jew qarrieqi kondiviż mingħajr intenzjoni dannuża għalkemm l-effetti xorta jistgħu jkunu ta' ħsara.
**C. Kontenut falz jew qarrieqi li jinfirex b'intenzjoni ta' qerq jew ta' gwadann ekonomiku jew politiku u li jista' jikkawża ħsara pubblika.**

30.06.2022

# Qbil politiku dwar regolament biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq uniku

## M.1

X'inhu l-għan tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin?

A. Il-promozzjoni tal-konformità tas-sussidji mar-regoli tad-WTO.
B. Ir-regolamentazzjoni tal-għoti ta' fondi tal-UE b'impatt f'pajjiżi terzi.
C. **L-indirizzar tas-sussidji ta' pajjiżi terzi li jikkawżaw distorsjonijiet fis-suq intern.**

## M.2

Għaliex ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin jivvaluta s-sussidji barranin biss?

A. Minħabba li s-sussidji barranin huma aktar ta' ħsara mis-sussidji mogħtija fl-UE.
B. **Minħabba li s-sussidji mogħtija fl-UE diġà huma vvalutati skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.**
C. Minħabba li l-pajjiżi terzi jivvalutaw ukoll l-impatt tas-sussidji tal-UE fuq l-ekonomiji tagħhom.

## M.3

Jekk il-Kummissjoni tidentifika sussidju barrani skont ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, is-sussidju se jkun ipprojbit awtomatikament?

A. Iva, is-sussidju se jkun awtomatikament ipprojbit.
B. Iva, is-sussidju jkun awtomatikament ipprojbit jekk jinstab li joħloq distorsjoni fis-suq intern.
C. **Le, ir-Regolament ma jinkludix projbizzjoni awtomatika tas-sussidji iżda l-effetti negattivi u pożittivi tagħhom jeħtieġ li jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ.**

19.07.2022

# Bidu tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq

## M.1

Liema huma l-pajjiżi kandidati attwali (f'Lulju 2022) tal-UE?

a. L-Iżrael, l-Armenja, il-Marokk, l-Awstralja
**b. L-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna**
c. Il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Ġeorġja

## M.2

Liema pajjiż kien l-aħħar pajjiż li ssieħeb fl-UE u meta?

- **Il-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013**

## M.3

Kemm il-kapitolu hemm fin-negozjati tal-adeżjoni mal-UE b'kollox?

A. 25
**B. 35**
C. 45